A.L. 146 ta' l-2003

REGOLAMENTI DWAR IL-ĠARR STRADALI TA' MERKANZIJA B'VETTURI BIL-MUTUR

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Regolamenti

1. Titlu
2. Tifsir.
3. Inkonsistenzi ma' A.L. 128 ta' 1994.
4. Kif japplika Kap 377.

TAQSIMA II

DĦUL FIX-XOGĦOL TA' BURDNAR

5. Awtorizzazzjoni.
6. Eżenzjonijiet.
7. Rekwiżiti għax-xogħol ta' burdnar.
8. Kriterju ta' reputazzjoni tajba.
9. Pożizzjoni finanzjarja adatta.
10. Kompetenza professjonali.
11. Eżenzjonijiet. Verifiki dwar konformità.
12. Irtirar ta' awtorizzazzjoni.
13. Mewt jew inkapaċità.

TAQSIMA III
MIŻURI SOĊJALI

Dispożizzjonijiet Ġenerali

14. Età minima tax-xufiera.

15. Età minima tax-xufiera involuti fil-ġarr internazzjonali ta' merkanzija.
16. Livell minimu tat-taħriġ.
17. Liċenzja tas-sewqan.
18. Ċertifikat ta' kompetenza professjonali.
19. Attestazzjoni tax-xufier għal burdnara li jużaw xufiera li huma ċittadini ta' Stati li m'humiex Stati tal-Ftehim.
20. Terminu ta' validità.
21. Età minima għal *drivers' mates*.
22. Applikabbiltà ta' l-AETR.
23. Ħin tas-sewqan ta' kuljum.
24. Pawżi.
25. Ħin ta' mistrieħ ta' kuljum.
26. Interruzzjoni tal-ħin ta' mistrieħ ta' kuljum.
27. Ħlas lil xufiera li jaqilgħu pagi.
28. Sigurtà personali u dik tat-toroq.
29. Ikunu l-impriżi li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera.
30. Eċezzjonijiet.

TAQSIMA IV

AĊĊESS GĦAS-SUQ

Aċċess għas-Suq Nazzjonali

31. Liċenzja ta' burdnar.

Aċċess għas-Suq Komunitarju

32. Liberalizzazzjoni.
33. Eżenzjoni.
34. Il-ġarr internazzjonali tal-merkanzija.
35. Rifjut ta' applikazzjoni.
36. Irtirar ta' awtorizzazzjoni Komunitarja u ta' l-attestazzjoni.
37. Appelli.

Aċċess għas-Suq f'Pajjiżi tal-KEMT

38. Ġarr tal-merkanzija fil-Membri tal-KEMT.
39. Ksib ta' liċenzja tal-KEMT.
40. Użu tal-liċenzja tal-KEMT.
41. Vettura li jkollha liċenzja.
42. Isem tal-persuna li topera l-vettura.

43. Eżenzjonijiet.
44. *Logbook*.
45. Rekwiżiti għall-validità.
46. Liċenzi tal-KEMT irtirati jew ċeduti.
47. Kanċellazzjoni u sostituzzjoni tal-liċenzi tal-KEMT.

Aċċess għas-Suq f'Pajjiżi Oħra

48. Pattijiet bilaterali.

Aċċess għas-Suq Nazzjonali minn Trasportaturi Mhux Residenti Stabbiliti fl-Istati tal-Ftehim ('Kabotaġġ')

49. Intitolament għat-twettiq tal-kabotaġġ.
50. Xogħol għalih innifsu.
51. Forma.
52. Awtorizzati.
53. Titolu tal-vettura.
54. Kiri mill-burdnar.
55. Perijodu ta' validità.
56. Ktieb ta' *record sheets*.
57. Kundizzjonijiet.
58. Preżentazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.
59. Livelli tekniċi.

TAQSIMA V

L-UŻU TA' VETTURI MINGĦAJR XUFIERA TAĦT OPERAT NAZZJONALI

60. L-użu tal-vetturi mingħajr xufiera.

TAQSIMA VI

RATI U KUNDIZZJONIJIET GĦALL-ĠARR STRADALI TAL-MERKANZIJA

61. It-rati jitwaqqfu bi ftehim liberu.
62. Poter li tintalab informazzjoni.

TAQSIMA VII

L-UŻU TA' VETTURI TAL-MERKANZIJA F'MALTA

63. Sigurtà tal-vetturi.
64. Sigurtà tat-tagħbija.
65. L-għoli tat-tagħbija.
66. Ħsara lit-toroq.
67. Emissjonijiet ta' l-*exhaust*.
68. Waqfien ta' vetturi tal-merkanzija.
69. Ipparkjar ta' vetturi tal-merkanzija.
70. Tagħbija jew ħatt ta' vetturi tal-merkanzija.
71. Ġarr ta' passiġġieri.
72. Ġarr ta' laħam u ħut.
73. Ġarr ta' merkanzija perikoluża.

TAQSIMA VIII

TRASPORT KOMBINAT TA' MERKANZIJA

74. Trasport kombinat.
75. Għandhom jiġu reġistrati dettalji.
76. Ġarr fl-aħħar parti.
77. Partijiet akkont ta' persuna nnifisha.

TAQSIMA IX

SPEZZJONIJIET

78. Preżentazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.
79. Poteri ta' spezzjoni.
80. Spezzjonijiet fil-ġenb tat-toroq u fuq il-moll.
81. Elementi ta' l-ispezzjoni.
82. Spezzjonijiet fil-post.
83. Spezzjonijiet b'talba ta' l-Awtorità.

TAQSIMA X

DISPOŻIZZJONIJIET LI JEMENDAW

84. Emenda għal A.L. 128 ta' l-1994.

L-EWWEL SKEDA

L-1 Parti – Burdnar li jopera bħala negozjant waħdu/bi sħubija – Rapport ta' l-Accountant
It-2 Parti – Burdnar li jopera bħala kumpannija b'responsabbiltà limitata – Rapport ta' l-Accountant

IT-TIENI SKEDA

L-1 Parti – Ċertifikat ta' kompetenza professjonali
It-2 Parti – Elenku ta' suġġetti msemmija fir-Regolament 10
L-organizzazzjoni ta' l-eżami

IT-TIELET SKEDA

Taħriġ minimu meħtieġ għall-għotji ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali għal xufiera internazzjonali taħt l-età ta' 21 sena

IR-RABA' SKEDA

Tipi ta' ġarr eżentati minn awtorizzazzjoni
Kategoriji ta' trasport eżentati mir-rekwiżit tal-permess tal-KEMT

IL-ĦAMES SKEDA

Awtorizzazzjoni għall-ġarr internazzjonali tal-merkanzija b'kiri jew b'kumpens

IS-SITT SKEDA

L-iskema tat-trakk "aħdar"
L-iskema tat-trakk "aktar aħdar u sigur"
L-iskema tat-trakk "sigur EUR03"

IS-SEBA' SKEDA

Awtorizzazzjoni għall-ġarr stradali nazzjonali tal-merkanzija f'Malta li jsir minn burdnar mhux residenti (kabotaġġ)

IT-TMIEN SKEDA

Ktieb ta' record sheets għal operazzjonijiet ta' trasport nazzjonali b'kabotaġġ li jsiru taħt l-awtorizzazzjoni għal kabotaġġ

B 1712

ID-DISA' SKEDA

Attestazzjoni tax-xufier għall-ġarr internazzjonali tal-merkanzija b'kiri jew b'kumpens taħt Awtorizzazzjoni Komunitarja

A.L. 146 ta' l-2003

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Taqsima I

PRELIMINARI

Titolu.

1. (1) It titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur.

(2) Dawn ir-regolamenti jidħlu fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għat-trasport jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gazzetta, u jistgħu jiġu hekk stabbiliti dati differenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dawn ir-regolamenti.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:-

"Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta kif stabbilita bl-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

"awtorizzazzjoni" tfisser kull permess mogħti minn awtorità kompetenti magħrufa li tagħti jedd lill-awtorizzat li jwettaq operazzjonijiet ta' burdnar; Att XXXIII ta' l-2000.

"awtorizzazzjoni Komunitarja" tfisser awtorizzazzjoni akkwistata minn impriża stabbilita fi Stat tal-Ftehim mill-awtorità kompetenti f'dak l-Istat, jew awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità, li tkun tippermetti lill-awtorizzat illi jwettaq operazzjonijiet ta' burdnar fl-Istati tal-Ftehim;

"akkont ta' persuna nnifisha" tfisser ġarr stradali sakemm jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

a. il-merkanzija li tinġarr tkun il-proprjetà ta' l-impriża jew tkun inbigħet, inxtrat jew inkriet, ġiet prodotta, akkwistata, ipproċessata jew imsewwija mill-impriża;

b. l-għan tal-vjaġġ ikun li tinġarr il-merkanzija sa jew mill-impriża jew li ċċaqlaqha, jew fl-impriża nnifisha jew barra minnha għall-ħtiġiet tagħha;

ċ. il-vetturi bil-mutur użati għal dan il-ġarr jinsaqu mill-impjegati ta' l-impriża;

d. il-vetturi li jġorru l-merkanzija jkunu l-proprjetà ta' l-impriża jew ikunu nxtraw minnha b'pattijiet differiti, jew mikrija, sakemm f'dan l-aħħar każ jilħqu l-kondizzjonijiet tar-regolamenti li jirregolaw il-piżijiet, tagħmir u qisien ta' vetturi bil-mutur; iżda wkoll dan is-sotto-paragrafu ma jkunx jgħodd għall-użu ta' vettura li tkun qiegħda biss tissostitwixxi għal żmien qasir lill-vettura l-oħra li normalment tintuża meta din ma taħdimx;

e. il-ġarr huwa biss anċillari għall-attivitajiet ġenerali ta' l-impriża;

"b'kiri jew b'kumpens" tfisser il-ġarr tal-merkanzija ħlief akkont ta' persuna nnifisha;

'burdnar' tfisser persuna jew impriża li twettaq operazzjonijiet ta' burdnar, kemm bi profitt kemm xort'oħra;

'*driver's mate*' tfisser min jiġi mqabbad mill-burdnar biex jakkumpanja lix-xufier sabiex jassistih, ħlief fis-sewqan, kemm-il darba ma jkollux liċenzja biex jagħmel dan;

"ftehim" tfisser ftehim bejn gruppi ta' stati, li Malta tkun parti fih, li reċiprokament jagħti liċ-ċittadini ta' dawk l-istati jew lid-dependenti tagħhom id-dritt li jidħlu, jibqgħu u jirresjedu fi u jitilqu mill-pajjiż ta' dan l-Istat, li jiċċaqalqu liberament f'dawn l-istati għal tali żmien li jista' jiġi stabbilit fil-ftehim u li jaħdmu jew iwaqqfu, jipprovdu jew jirċievu servizzi fihom; u 'Stat tal-Ftehim' u ċittadin ta' Stat tal-Ftehim' tinftiehem b'dan il-mod; u fejn Stat ikun parti għal ftehim bħal dak, bla ħsara għal kull modifika u adattament, ċittadin ta' Stat tal-Ftehim ikun soġġett għal dawk il-modifikazzjonijiet jew adattamenti li jistgħu jiġu preskritti;

"ġarr fit-toroq" tfisser vjaġġ imwettaq fit-triq pubblika minn vettura użata għall-ġarr tal-merkanzija, kemm jekk mgħobbija jew le;

"ġimgħa" tfisser iż-żmien bejn 00.00 siegħat tat-Tnejn u 24.00 siegħa l-Ħadd ta' wara;

"ħin tas-sewqan kuljum" tfisser il-ħin tas-sewqan bejn żewġ ħinijiet ta' mistrieħ ta' kuljum jew bejn ħin ta' mistrieħ ta' kuljum u l-ħin ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa;

"impriża" tfisser persuna naturali, persuna legali, li tagħmel jew ma tagħmilx profitt, assoċjazzjoni jew grupp ta' persuni mingħajr personalità legali, li tagħmel jew ma tagħmilx profitt, jew korp uffiċjali, li jkollu l-personalità legali tiegħu jew li jkun dipendenti fuq awtorità li jkollha personalità bħal dik;

"kabotaġġ" tfisser it-twettiq tas-servizzi nazzjonali ta' burdnar fuq bażi temporanja (kif jista' jiġi mfisser mill-Ministru b'avviż fil-Gazzetta), minn burdnar mhux residenti fit-territorju ta' pajjiż minbarra dak li fih huwa jkun residenti jew li jkun reġistrat fih biex iwettaq dawk l-operazzjonijiet;

"KEMT" tfisser il-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport;

"Kummissarju" tfisser il-Kummissarju tal-Pulizija;

"li jkollu liċenzja" tfisser persuna li f'isimha tinħareġ liċenzja tal-ġarr jew tal-kabotaġġ;

"mistrieħ" tfisser żmien mhux interrott ta' mhux inqas minn siegħa li f'waqtu x-xufier jista' liberament jiddisponi minn ħinu;

"okkupazzjoni ta' burdnar" tfisser l-attività ta' xi impriża li tkun tikkonsisti fil-ġarr fuq l-art b'kiri jew b'kumpens permezz ta' vettura tal-merkanzija;

"pajjiż fejn ikun stabbilit" tfisser dak il-pajjiż li fih il-burdnar li ma jkunx residenti jkun stabbilit u reġistrat;

"residenza normali" tfisser il-post fejn tkun abitwalment tgħix il-persuna, għal mill-anqas 185 jum f'kull sena kalendarja, minħabba rabtiet personali jew ta' xogħol, jew fil-każ ta' persuna b'ebda rabta ta' xogħol, minħabba rabtiet personali li juru konnessjonijiet fil-qrib bejn dik il-persuna u l-post fejn tkun qed tgħix:

Iżda, ir-residenza normali ta' persuna li r-rabtiet ta' xogħol tagħha jkunu f'post differenti mir-rabtiet personali u konsegwentement tkun tgħix f'postijiet differenti minn żmien għall-ieħor, f'żewġ Stati tal-Ftehim jew aktar, għandha titqies bħala l-post tar-rabtiet personali tagħha, jekk il-persuna tmur lura hemmhekk regolarment. Din l-aħħar kondizzjoni m'għandhiex għalfejn tintlaħaq meta persuna tkun tgħix fi Stat tal-Ftehim sabiex twettaq xogħol għal żmien definit. L-attendenza f'università jew skola ma timplikax teħid ta' residenza normali;

"trakk" tfisser kull vettura li tmexxi lilha nnifisha mekkanikament u li tiċċirkola fit-triq, minbarra vettura li timxi fuq linji, u li normalment tintuża għall-ġarr tal-merkanzija;

"*semi-trailer"* tfisser *trailer* mingħajr fus ta' rota fuq quddiem, ikkombinat b'tali mod li parti sostanzjali mill-piż tiegħu u tal-piż tat-tagħbija tiegħu tinġarr mit-trattur jew mill-vettura bil-mutur;

"trattur" tfisser kull vettura li tmexxi lilha nnifisha mekkanikament li tiċċirkola fit-triq, minbarra vettura li timxi fuq linji, u ddisinjata speċjalment sabiex tiġbed, timbotta jew iċċaqlaq *trailers, semi-trailers*, tagħmir jew makni;

"*trailer"* tfisser kull vettura ddisinjata li titqabbad ma' vettura bil-mutur jew ma' trattur;

"trasport kombinat" tfisser trasport tal-merkanzija bejn Stati tal-Ftehim fejn il-vettura tuża t-triq pubblika għall-ewwel jew l-aħħar parti tal-vjaġġ u, fil-parti l-oħra tuża servizzi tal-ferrovija, tal-passaġġ bl-ilma intern jew servizzi marittimi, jew kombinazzjoni ta' żewġ modi jew aktar tat-trasport, fejn dawn il-partijiet tal-vjaġġ jeċċedu l-100 km f'linja dritta, u l-vettura tagħmel l-ewwel jew l-aħħar parti tal-vjaġġ fit-triq pubblika f'raġġ ta' mhux aktar minn 150 km f'linja dritta mill-port tal-passaġġ bl-ilma intern jew port tal-baħar tat-tagħbija jew tal-ħatt;

A.L. 191 tal-2002.

"triq pubblika" tfisser toroq nazzjonali, arterjali, distributorji, u ta' aċċess u aċċess lokali kif definiti fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan);

"uffiċjal awtorizzat li jispezzjona" tfisser uffiċjal nominat mill-Awtorità li jwettaq spezzjonijiet skond dawn ir-Regolamenti, uffiċjal tad-Dwana jew uffiċjal tal-Pulizija;

"valida" tiġi assoċjata ma' liċenzja leġittima kif maħruġa mill-awtorità kompetenti, u li tfisser li tali liċenzja hija effettiva u kurrenti għaż-żmien dikjarat fil-liċenzja peress li d-detentur ta'

liċenzja jkun u għadu jissodisfa għal kollox l-obbligi li jkollu skond ir-regolamenti;

"vettura tal-merkanzija" tfisser trakkijiet, tratturi, *trailers* u *semi-trailers*:

(a) reġistrati għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' burdnar f'Malta; jew

(b) reġistrati għat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' burdnar f'pajjiż ieħor; jew

(ċ) żewġ vetturi aggankati ma' xulxin, li għall-inqas il-vettura bil-mutur tagħhom hija rreġistrata bil-mod imsemmi fl-inċiżi (a) u (b) fuq u li huma użati esklusivament għall-ġarr tal-merkanzija:

Iżda għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti vettura titqies bħala vettura tal-merkanzija jekk din ikollha piż minimu ta' 3,500 kg *gross vehicle weight.*

"xufier" tfisser persuna li ssuq il-vettura, ukoll jekk għal ħin qasir, jew li jiġi ttrasportat fil-vettura sabiex ikun disponibbli għas-sewqan jekk meħtieġ u li jkollu liċenzja kif imiss skond ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan).

Inkonsistenzi ma' A.L. 128 ta' l-1994.

3. Jekk xi ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'hix konsistenti jew tikkonfliġġi mar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, dawn ir-regolamenti għandhom jipprevalu u fejn ikun hemm dawn l-inkonsistenzi jew konflitti, ir-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, għandhom jitqiesu nulli u mingħajr effett.

Kif japplika Kap. 377.

4. Kull informazzjoni mogħtija lill-Awtorità skond dawn ir-Regolamenti hija koperta bl-Att dwar Segretezza Professjonali.

Taqsima II

DĦUL FIX-XOGĦOL TA' BURDNAR

Awtorizzazzjoni.

5. Ebda persuna m'għandha tagħmel ix-xogħol ta' burdnar b'kiri jew b'kumpens jekk ma tkunx awtorizzata kif imiss. L-Awtorità għandha toħroġ tali awtorizzazzjoni jekk hija tkun sodisfatta li l-applikant ikun konformi mal-kondizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Eżenzjonijiet.

6. (1) (a) L-Awtorità tista' teżenta mill-applikazzjoni ta' kull jew xi dispożizzjoni tar-regolament 7, lil burdnara li jwettqu biss operazzjonijiet nazzjonali li jkollhom biss effett mill-inqas fuq is-suq tat-trasport minħabba:

- fix-xorta tal-merkanzija li tinġarr; jew

- fid-distanza qasira involuta.

(b) F'każ ta' ċirkostanzi mhux previsti, l-Awtorità tista' tagħti eżenzjoni temporanja sakemm tagħti d-deċiżjoni finali tagħha.

(2) Huma eżenti milli jkollhom awtorizzazzjoni dawk il-burdnara involuti f'servizzi ta' tneħħija, ġarr ta' provvisti tal-bini, trasferiment tal-bagalji u servizzi ta' kurrier bl-użu ta' vetturi esklusivament fuq territorju nazzjonali, bil-piż massimu awtorizzat ta' dawn il-vetturi jkun bejn 3.5 u 6 tunnellati.

Rekwiżiti għax-xogħol ta' burdnar.

7. (1) Min jixtieq jagħmel ix-xogħol ta' burdnar kif stabbilit f'dawn ir-regolamenti għandu:

(a) jkollu reputazzjoni u kondotta tajba;

(b) jkun f'pożizzjoni finanzjarja adatta;

(ċ) jissodisfa l-kondizzjoni dwar kompetenza professjonali.

(2) Meta l-applikant ikun persuna naturali u ma jkunx jista' jilħaq ir-rekwiżit fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1), l-Awtorità tista' madankollu tippermetti lil dik il-persuna tinvolvi ruħha fix-xogħol ta' burdnar kemm-il darba hi taghti lill-Awtorità l-isem ta' persuna oħra li tista' tissodisfa l-paragrafi (a) u (ċ) tas-subregolament (1), b'kundizzjoni li dik il-persuna msemmija għandha kontinwament u effettivament tagħmel ix-xogħol ta' burdnar skond dawn ir-regolamenti.

(3) Meta l-applikazzjoni ssir minn impriża li tista' tilħaq ir-rekwiżit fil-paragrafu (b) tas-subregolament (1), ir-rekwiżiti fil-paragrafi (a) u (ċ) tas-subregolament (1) għandhom jiġu sodisfatti minn persuna naturali msemmija għaldaqshekk lill-Awtorità li kontinwament u effettivament tkun sejra tiġġestixxi lill-burdnar skond dawn ir-regolamenti.

Kriterju ta' reputazzjoni tajba.

8. (1) Persuna ma titqiesx li tissodisfa r-rekwiżit ta' reputazzjoni u kondotta tajba jekk hija:

(a) tkun insabet ħatja ta' reati kriminali serji, inklużi reati ta' natura kummerċjali, matul l-aħħar ħames snin, jew ta' xi reat li jkollu piena ta' priġunerija għal żmien tliet xhur jew aktar, jew multa ta' mill-inqas mitejn lira Maltija; jew ta' żewġ reati jew aktar konnessi mal-vjolenza;

(b) tkun insabet ħatja fl-aħħar sentejn ta' kull reat relatat ma' reati dwar l-użu ta' vettura bil-mutur;

(ċ) ġiet dikjarata mhux kapaċi li tagħmel ix-xogħol ta' burdnar taħt xi regolamenti li jkunu fis-seħħ;

(d) tkun insabet ħatja ta' reati serji ripetuti kontra regoli fis-seħħ dwar:

- il-kundizzjonijiet dwar il-paga u l-impjieg fil-professjoni; jew

- it-trasport fit-triq, partikolarment ir-regoli dwar is-sewqan, il-piżijiet u d-dimensjonijiet u l-kapaċità ta' ġarr tal-vettura, sigurtà stradali jew dik tal-vetturi jew ħsara lill-ambjent.

(e) tkun instabet ħatja ta' xi reati korrispondenti taħt xi liġi ta' pajjiż jew territorju barra minn Malta:

Iżda meta l-applikant kellu inqas minn 18-il sena età meta jkun instab ħati kif deskritt fil-paragrafi (a) u (b) tas-subregolament (1), il-perijodi msemmija jkunu rispettivament ta' sentejn u sena.

Pożizzjoni finanzjarja adatta.

9. (1) Il-pożizzjoni finanzjarja xierqa ta' l-impriża għandha tkun tikkonsisti fil-pussess ta' riżorsi suffiċjenti biex taċċerta bidu tajjeb u amministrazzjoni tajba ta' l-impriża wara dak iż-żmien.

(2) Sabiex tiġi evalwata l-pożizzjoni finanzjarja, l-Awtorità għandha tikkunsidra kull xorta ta' ħidma u dan li gej:-

(a) il-kontijiet annwali ta' l-impriża, jekk ikun hemm;

(b) il-fondi disponibbli, inklużi kontanti fil-bank, u faċilitajiet ta' *overdraft* u ta' self;

(ċ) kull attiv, inkluża proprjetà, li jkun disponibbli biex jipprovdi sigurtà parzjali jew totali għall-impriża;

(d) l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tax-xiri jew ħlas inizjali għal vetturi, fondi, makkinarju u tagħmir, u kapital għall-ħidma.

(3) Applikant għal, jew detentur ta' awtorizzazzjoni maħruġa skond ir-regolament 5, ma titqiesx bħala li hu f'pożizzjoni finanzjarja adatta jekk ma jkollux disponibbli riservi kapitali li jammontaw għal jew jeċċedu l-aggregat ta' Lm3,600 għall-ewwel jew l-unika vettura li għandha tiġi awtorizzata skond il-liċenzja; u Lm2,000 għal kull vettura addizzjonali li għandha tiġi awtorizzata.

(4) Għall-finijiet tar-regolament 7, l-Awtorità tista' taċċetta bħala prova ta' pożizzjoni finanzjarja konferma jew assigurazzjoni minn bank jew stabbiliment finanzjarju ieħor kwalifikat b'mod adatt fil-forma indikata fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti. Din il-konferma tista' tingħata fil-forma ta' garanzija bankarja, rahan jew garanzija, jew b'kull mod ieħor aċċettabbli għall-Awtorità.

Kompetenza professjonali.

10. Il-kondizzjonijiet dwar il-kompetenza professjonali jkunu sodisfatti jekk l-applikant juri li jippossjedi l-għarfien meħtieġ billi jgħaddi minn eżami bil-miktub u, jew wieħed orali, li jkun jikkorrispondi għal-livell ta' taħriġ għall-operazzjonijiet Nazzjonali jew Internazzjonali skond il-każ, organizzat minn korp approvat skond is-sillabu fil-Parti II tat-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u li jkollu ċertifikat dwar dan maħruġ minn dak il-korp. Dan iċ-ċertifikat, fil-forma indikata fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, iservi bħala prova ta' kompetenza professjonali.

Eżenzjonijiet.

11. (1) L-Awtorità tista' teżenta mill-eżami bil-miktub, jew parti minnu, dawk l-applikanti li jistgħu jġibu prova ta' esperjenza prattika bħala burdnar f'pożizzjoni maniġerjali għal mill-anqas ħames snin.

(2) L-Awtorità tista' teżenta mill-eżami, jew parti minnu, lil min għandu xi diplomi jew diplomi tekniċi ekwivalenti, li jkunu ta' prova ta' għarfien tajjeb tas-suġġetti koperti fis-Sillabi Nazzjonali u Internazzjonali rilevanti. Min għandu ċertifikat ta' kompetenza professjonali maħruġ minn Stati oħra tal-Ftehim jistgħu jintalbu mill-Awtorità li jieħdu testijiet ulterjuri jekk is-suġġetti koperti fihom ma jkunux korrispondenti għall-ħtiġiet f'Malta.

(3) Individwi jew impriżi li jġibu prova lill-Awtorità li kienu awtorizzati taħt regoli ta' Malta li jwettqu l-professjoni ta' burndar nazzjonali u, jew internazzjonali fi jew qabel l-1 ta' Jannar 1997, jitqiesu li jissodisfaw il-ħtiġiet tal-paragrafi (b) u (ċ) tas-subregolament (1) tar-regolament 7. Il-ħtieġa tal-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tar-regolament 7 għandha tintlaħaq mill-applikanti kollha, u għandha tingħieb prova ta' dan lill-Awtorità fl-istess ħin ta' l-applikazzjoni.

(4) L-Awtorità tista' titlob lill-burdnar li jġib prova mill-inqas kull ħames snin jew skond id-diskrezzjoni ta' l-Awtorità li huwa jkun għadu jissodisfa l-ħtiġiet tas-subregolament (1) tar-regolament 7. Verifiki dwar konformità.

12. L-Awtorità tista' tirtira awtorizzazzjoni għar-raġunijiet li ġejjin: Irtirar ta' awtorizzazzjoni.

(a) meta d-detentur ma jkunx għadu jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti bis-subregolament (1) tar-regolament 7; jew

(b) meta d-detentur ikun ipprovda informazzjoni mhix korretta lill-Awtorità għall-ħruġ jew it-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni; jew

(ċ) meta d-detentur ikun kiser xi kundizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni tiegħu u ma rrimedjax dak in-nuqqas minkejja li jkun ġie avżat bil-miktub dwar dak il-ksur u jkun ingħata żmien raġonevoli biex jagħmel dan;

(d) f'każ ta' xi ksur serju ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' tissospendi l-awtorizzazzjoni. Din is-sospensjoni għandha tiġi imposta wara li titqies il-gravità tal-ksur u tkun soġġetta għal appell quddiem bord ta' l-appelli li għandu jiġi stabbilit skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Kap. 372.

Meta r-reati kontra r-regoli li jirregolaw il-burdnara jkunu saru minn burdnar mhux residenti u dawn jistgħu jwasslu li tigi irtirata l-awtorizzazzjoni biex jagħmilha ta' burdnar, l-Awtorità għandha tipprovdi lill-Istat tal-Ftehim li fih ikun stabbilit il-burdnar bl-informazzjoni kollha li hija tkun tippossjedi dwar dawk ir-reati u l-penali imposti.

13. Fil-każ ta' mewt jew inkapaċità fiżika jew legali tal-persuna naturali involuta fil-professjoni ta' burdnar jew tal-persuna naturali li tissodisfa r-rekwiżiti tas-subregolament (1) tar-regolament 7, l-Awtorità tista' tippermetti t-twettiq tan-negozju ta' burdnar fuq bażi temporanja għal żmien mhux aktar minn sena, b'estensjoni għal żmien mhux aktar minn sitt xhur. L-Awtorità tista' b'eċċezzjoni u f'każi speċjali, tawtorizza definittivament lil xi persuna li ma tissodisfax ir-rekwiżit ta' kompetenza professjonali msemmija fir-regolament 10, li topera l-impriża jekk din il-persuna għandha mill-inqas tliet snin esperjenza prattika fil-ġestjoni ta' kuljum ta' l-impriża. Mewt jew inkapaċità oħra.

Taqsima III

MIŻURI SOĊJALI

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Età minima tax-xufiera.
A.L. 191 ta' l-2002.

14. L-età minima għax-xufiera li jwettqu l-ġarr stradali ta' merkanzija hija dik speċifikata fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan).

Ġarr internazzjonali tal-Merkanzija

Eta' minima tax-xufiera involuti fil-ġarr internazzjonali ta' merkanzija.

15. L-eta' minima għax-xufiera involuti fil-ġarr stradali internazzjonali tal-merkanzija hija kif ġej:

(a) għal vetturi, inkluż, meta jkun adatt, *trailers* jew *semi-trailers*, bil-piż massimu permissibbli ta' mhux aktar minn 7.5 tunnellata, 19-il sena

(b) għal vetturi oħrajn:-

– 21 sena jew

– 19-il sena jekk il-persuna involuta jkollha ċertifikat ta' kompetenza professjonali maħruġa mill-Awtorità jew minn awtorità kompetenti ta' Stat tal-Ftehim li jkun jikkonferma li tkun għamlet kors ta' taħriġ imsemmi fir-regolament 16.

Livell minimu tat-taħriġ.

16. Il-livell minimu tat-taħriġ għal xufiera li jkunu għalqu 19-il sena u għadhom ma għalqux il-21 sena biex jinvolvu ruħhom fil-ġarr tal-merkanzija stradali għandu jikkonsisti f'kors li jkopri s-suġġetti msemmija fit-Tielet Skeda ta' dawn ir-regolamenti.

Liċenzja tas-sewqan.

17. (1) Ix-xufiera ta' l-etajiet imsemmija fir-regolament ta' qabel għandhom ikunu wkoll akkwistaw liċenzja nazzjonali tas-sewqan għal vetturi maħsuba għall-ġarr stradali tal-merkanzija skond ir-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Vetturi bil-Mutur (Liċenzi tas-Sewqan).

(2) Il-programm u l-organizzazzjoni tal-kors ta' taħriġ vokazzjonali msemmi fis-subregolament (1) għandhom jitwaqqfu mill-Awtorità. Il-prova li dan it-taħriġ ikun tlesta għandha tiġi pprovduta permezz ta' eżami jew verifika mwettqa mill-Awtorità.

(3) Malli jitlesta l-kors imsemmi, ix-xufiera msemmija fis-subregolament (1) għandhom jagħmlu eżami jew verifika mwettqa mill-Awtorità.

(4) Ix-xufiera li jwettqu trasport nazzjonali f'Malta u xufiera li jwettqu trasport internazzjonali b'vetturi reġistrati f'Malta jistgħu jiġu rikjesti mill-Awtorità li jagħmlu taħriġ aktar intensiv minn dak li hemm provdut dwaru fit-Tielet Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Ċertifikat ta' kompetenza professjonali.

18. (1) L-Awtorità għandha toħroġ ċertifikat ta' kompetenza professjonali lix-xufiera li jilħqu r-rekwiżiti stabbiliti fir-regolament 16.

(2) Drittijiet akkwiżiti taħt is-subregolament (1) qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti jibqgħu validi bl-istess mod bħal ċertifikati maħruġa skond dawn ir-regolamenti.

Attestazzjoni tax-xufier għal burdnara li jużaw xufiera li huma ċittadini ta' Stati li m'humiex Stati tal-Ftehim.

19. L-Awtorità għandha toħroġ l-attestazzjoni tax-xufier fid-Disa' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti lil kull burdnar li:

(a) għandu awtorizzazzjoni Komunitarja;

(b) ikun legalment jimpjega xufiera li jkunu ċittadini ta' Stati li m'humiex Stati tal-Ftehim skond kull liġi jew regolament dwar il-kundizzjonijiet ta' impjieg jew taħriġ vokazzjonali fis-seħħ f'Malta jew permezz ta' xi ftehim kollettiv skond dawk il-liġijiet jew regolamenti.

Terminu ta' validità.

20. L-attestazzjoni tax-xufier għandha żmien massimu ta' validità ta' ħames snin, u għandha tinżamm kopja vera tagħha fil-fond tal-burdnar.

Età minima għal *drivers' mates*.

21. (1) L- età minima għal *drivers' mates* hija ta' 18-il sena.

(2) Fil-każ ta' operazzjonijiet ta' trasport intern l-Awtorità tista' tnaqqas l-età minima għal *drivers' mates* għal 16-il sena skond kull każ għalih, bil-kundizzjoni li dan isir għal għanijiet ta' taħriġ vokazzjonali u bla ħsara għal liġijiet rilevanti dwar l-impjieg.

Applikabilità tal-AETR.

22. Il-Ftehim Ewropew dwar ix-Xogħol ta' l-Ekwipaġġ fuq Vetturi involuti fit-Trasport Internazzjonali fuq l-Art (AETR) japplika minflok dawn ir-regolamenti għall-operazzjonijiet internazzjonali ta' trasport stradali tal-merkanzija: -

(a) bejn Malta u pajjiżi li huma Partijiet Kontraenti ta' l-AETR, jew fi transitu minn dawk il-pajjiżi, għal vjaġġ sħiħ meta dawn l-operazzjonijiet isiru minn vetturi reġistrati f' Malta, xi Parti Kontraenti ta' l-AETR jew xi wieħed mill-pajjiżi terzi msemmija;

(b) bejn Malta u pajjiż li mhux Parti Kontraenti ta' l-AETR fil-każ ta' vjaġġi mwettqa bejn Pajjiżi tal-Ftehim jew bejn Malta u xi Pajjiż tal-Ftehim meta dawn l-operazzjonijiet jitwettqu minn vetturi reġistrati f'xi wieħed minn dawk il-pajjiżi.

Ħin tas-sewqan ta' kuljum

23. (1) (a) Il-ħin ta' sewqan ta' kuljum ma għandux jeċċedi disa' sigħat u jista' jiġi estiż darbtejn f'ġimgħa waħda li tkun għal 10 sigħat.

(b) Xufier għandu wara mhux aktar minn sitt perijodi ta' sewqan kuljum jieħu ħin ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa kif definit fis-subregolament (3) tar-regolament 25.

(ċ) Il-ħin ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa jista' jiġi postpost sa l-aħħar tat-12-il jum jekk il-ħin tas-sewqan totali mat-12-il jum ma jeċċedix il-massimu li jikkorrispondi għal 12-il perijodu ta' sewqan ta' kuljum.

(2) It-total tal-ħin ta' sewqan f'perijodu ta' ġimagħtejn wara xulxin ma għandux jeċċedi d-90 siegħa.

Pawżi.

24. (1) Wara erba' sigħat u nofs sewqan, ix-xufier għandu jagħmel pawża ta' mill-inqas 45 minuta, kemm-il darba huwa ma jibdiex ħin ta' mistrieħ.

(2) Din il-pawża tista' tiġi sostitwita minn pawżi ta' mhux inqas minn 15-il minuta 'l waħda mqassma mal-ħin tas-sewqan jew immedjatament wara dan il-ħin hekk li din tkun tikkonforma mad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1).

(3) Waqt dawn il-pawżi, ix-xufier ma jistax jagħmel xogħol ieħor. Għall-finijiet ta' din it-taqsima il-ħin imqatta' jistenna u ħin meta ma saqx iżda kien fil-vettura li kienet miexja, lanċa jew ferrovija ma jitqiesx bħala 'xogħol ieħor'.

(4) Il-pawżi osservati skond dan ir-regolament ma jistgħux jitqiesu bħala ħinijiet ta' mistrieħ ta' kuljum.

Ħin ta' mistrieħ ta' kuljum.

25. (1) (a) F'kull perijodu ta' 24 siegħa, ix-xufier għandu jkollu ħin ta' mistrieħ ta' mill-inqas 11-il siegħa wara xulxin, li jistgħu jitnaqqsu għal minimu ta' disa' sigħat wara xulxin mhux aktar minn tliet darbiet f'kull ġimgħa, b'kundizzjoni li jingħata ħin ekwivalenti ta' mistrieħ bħala kumpens qabel it-tmiem tal-ġimgħa ta' wara.

(b) Fil-jiem meta ma jitnaqqasx il-mistrieħ skond is-subparagrafu (a), jista' jittieħed f'żewġ jew tliet perijodi separati matul l-24 siegħa, u wieħed minnhom għandu jkun ta' mhux anqas minn 8 sigħat wara xulxin. F'dan il-każ it-tul minimu ta' mistrieħ għandu jitwal għal 12-il siegħa.

(2) Matul kull perijodu ta' 30 siegħa meta vettura tkun maniġġata minn mhux inqas minn żewġ xufiera, kull xufier għandu jkollu ħin ta' mistrieħ ta' mhux inqas minn tmien sigħat wara xulxin.

(3) Matul kull ġimgħa, wieħed mill-ħinijiet ta' mistrieħ imsemmija fis-subregolamenti preċedenti għandu jiġi estiż, b'mistrieħ ta' kull ġimgħa, għal total ta' 45 siegħa wara xulxin. Dan il-ħin ta' mistrieħ jista' jitnaqqas għal mhux inqas minn 36 siegħa wara xulxin jekk jittieħed fil-post fejn il-vettura tkun ibbażata normalment jew fejn ikun ibbażat ix-xufier, jew għal mhux inqas minn 24 siegħa wara xulxin jekk jittieħed f'xi post ieħor. Kull tnaqqis għandu jiġi kkumpensat b'mistrieħ ekwivalenti li jittieħed kollu f'daqqa qabel tmiem it-tielet ġimgħa wara l-ġimgħa in kwistjoni.

(4) Ħin ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa li jibda f'ġimgħa u jkompli fil-ġimgħa ta' wara jista' jiġi anness ma' kull waħda minn dawn il-ġimgħat.

(5) Il-mistrieħ li jittieħed bħala kumpens għat-tnaqqis fil-ħinijiet ta' mistrieħ ta' kuljum u, jew ta' kull ġimgħa għandhom jiġu annessi ma' mistrieħ ieħor ta' mill-inqas tmien sigħat u għandhom jingħataw, fuq talba tal-persuna involuta, fil-post ta' parkeġġjar tal-vettura jew fil-bażi tax-xufier.

(6) Il-ħin ta' mistrieħ ta' kuljum jista' jittieħed fil-vettura, sakemm il-vettura jkun fiha kuċċetta u l-vettura tkun wieqfa.

Interruzzjoni tal-ħin ta' mistrieħ ta' kuljum.

26. Minkejja s-subregolament (1) tar-regolament 23, meta ix-xufier involut fil-ġarr tal-merkanzija jkun qed jakkumpanja vettura trasportata minn lanċa jew ferrovija, il-ħin ta' mistrieħ ta' kuljum jista' jiġi interrott darba biss, kemm-il darba jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

a) dik il-parti tal-perijodu ta' mistrieħ imqatta' fuq l-art tista' tittieħed qabel jew wara l-parti tal-perijodu ta' mistrieħ meħud abbord il-lanċa jew il-ferrovija,

b) il-perjodu bejn iż-żewġ partijiet tal-ħin ta' mistrieħ ta' kuljum għandu jkun qasir kemm jista' jkun u f'ebda każ m'għandu jeċċedi siegħa qabel l-imbark jew wara l-iżbark, hekk li jkunu inkluzi l-formalitajiet tad-dwana fl-operazzjonijiet ta' l-imbark jew ta' l-iżbark,

ċ) Waqt iż-żewġ porzjonijiet tal-ħin ta' mistrieħ ix-xufier għandu jkollu aċċess għal kuċċetta jew *couchette*.

Il-ħin ta' mistrieħ ta' kuljum, interrott b' dan il-mod, għandu jiżdied b' sagħtejn.

Ħlas lil xufiera li jaqilgħu pagi.

27. Ħlasijiet lil xufiera li jaqilgħu pagi, ukoll jekk fil-forma ta' bonus jew ta' supplimenti għall-paga, relatati ma' distanzi vvjaġġati u, jew l-ammont ta' merkanzija li tkun inġarret, jikkostitwixxu reati skond dawn ir-regolamenti, kemm-il darba dawk il-pagamenti ma jkunux ta' tali kwalità li ma jipperikolawx is-sigurtà fit-toroq.

Sigurtà personali u dik tat-toroq.

28. Sakemm is-sigurtà fit-toroq ma tkunx b'dan perikolata u sabiex ikun jista' jasal f'post adatt ta' waqfien, ix-xufier jista' jwarrab id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti daqstant kemm ikun meħtieġ biex jaċċerta s-sigurtà tal-persuni, tal-vettura jew tat-tagħbija tagħha. Ix-xufier għandu jindika x-xorta u r-raġuni għat-twarrib li jkun għamel minn dawk id-dispożizzjonijiet fuq ir-*record sheet* tat-tagħmir ta' *recording* jew fid-*duty roster* tiegħu.

Ikunu l-impriżi li jorganizzaw ix-xogħol tax-xufiera.

29. (1) L-impriża għandha torganizza x-xogħol tax-xufiera b'tali mod li x-xufiera jistgħu jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u ma' kull liġi oħra rilevanti.

(2) L-impriża għandha twettaq verifiki perjodiċi biex taċċerta li jiġu mħarsa r-rekwiżiti legali kollha. Jekk jinsab li jkunu saru xi nuqqasijiet, l-impriża għandha tieħu passi xierqa biex tipprevjeni r-ripetizzjoni tagħhom.

Eċċezzjonijiet.

30. L-Awtorità tista' tagħti eċċezzjonijiet mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 15 sa 29 għal operazzjonijiet ta' burdnara mwettqa f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jekk dawn l-eċċezzjonijiet ma jkunux serjament jipperikolaw l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti. F'każ urġenti tista' tagħti eċċezzjoni temporanja għal żmien ta' mhux aktar minn 30 jum.

Taqsima IV

AĊĊESS GĦAS-SUQ

Aċċess għas-Suq Nazzjonali

Liċenzja ta' burdnar.

31. (1) Sabiex twettaq operazzjonijiet nazzjonali ta' burdnar bl-użu ta' vetturi tal-merkanzija fuq bażi permanenti, impriża għandha tkun awtorizzata kif hemm provdut fir-regolament 5.

(2) L-Awtorità għandha tipprovdi lid-detentur b' kopja vera attestata ta' l-awtorizzazzjoni għal kull vettura li ser tintuża għaliha.

(3) Il-vetturi li għalihom ser tintuża l-awtorizzazzjoni għandhom ikunu għad-dispożizzjoni esklusiva tad-detentur meta

jinkrew, u għandhom jinsaqu mill-impjegati tad-detentur jew mid-detentur innifsu.

(4) L-Awtorità għandha twaqqaf regoli oħra li jidhrulha meħtieġa u li jkunu jirregolaw ir-rekwiżiti ta' l-operazzjonijiet ta' burdnara u l-aċċess għas-suq nazzjonali .

Aċċess għas-suq Komunitarju

Liberalizzazzjoni.

32. Taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolament 34, it-tipi kollha ta' ġarr stradali tal-merkanzija b'kiri jew b'kumpens elenkati fil-I Parti tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti meta dan il-ġarr iseħħ lejn jew minn jew fi transitu f'Malta huma liberalizzati.

Eżenzjoni.

33. It-tipi ta' ġarr u vjaġġi mingħajr tagħbija li jsiru f'konġunzjoni mat-tipi ta' ġarr elenkati fl-I Parti tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu eżentati mill-ħtieġa li jakkwistaw awtorizzazzjoni skond din it-Taqsima.

Il-ġarr internazzjonali tal-merkanzija.

34. (1) L-Awtorità għandha toħroġ awtorizzazzjoni Komunitarja skond il-mudell li hemm fil-Ħames Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti lil kull burdnar li jkun jissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikun awtorizzat skond ir-regolament 5;

(b) jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti skond ir-regoli Komunitarji dwar l-ammissjoni għax-xogħol ta' operatur tat-trasport tal-merkanzija f'operazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali skond ir-regolament 7;

(ċ) jissodisfa rekwiżiti legali u livelli dwar is-sigurtà stradali għax-xufiera u l-vetturi.

(2) Sabiex iwettaq operazzjonijiet internazzjonali tal-ġarr tal-merkanzija bl-użu ta' vetturi għat-trasport tal-merkanzija bejn Malta u Stati tal-Ftehm b'kiri jew b' kumpens, kull trasportatur li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament għandu jkollu awtorizzazzjoni Komunitarja flimkien ma' attestazzjoni tax-xufiera jekk ix-xufier ikun ċittadin ta' Stat li m'huwiex Stat tal-Ftehim.

(3) L-Awtorità għandha toħroġ lill-burdnar l-oriġinali ta' l-awtorizzazzjoni Komunitarja, li għandha tinżamm mill-burdnar, u n-numru ta' kopji veri attestati li jikkorrispondi man-numru ta' vetturi użati għall-ġarr internazzjonali ta' merkanzija li jkunu disponibbli lid-detentur ta' l-awtorizzazzjoni Komunitarja, kemm jekk bi proprjetà, kemm b'xi forma oħra, notevolment permezz ta' kuntratt ta' xiri bil-ħlas rateali, kuntratt ta' kiri jew kuntratt ta' self.

(4) Il-Awtorizzazzjoni Komunitarja tinħareġ f'isem il-burdnar u ma tkunx tista' tiġi trasferita. Għandha tinġarr kopja vera attestata ta' l-awtorizzazzjoni Komunitarja fuq il-vettura u għandha tiġi ppreżentata meta din tintalab minn xi uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

(5) Il-liċenzja Komunitarja tinħareġ għal żmien ħames snin u din tkun tista' tiġġedded.

(6) L-Awtorizzazzjoni Komunitarja għandha tissostitwixxi d-dokument maħruġ mill-Awtorità li jkun jiċċertifika li t-trasportatur għandu aċċess għas-suq għall-ġarr stradali internazzjonali tal-merkanzija jew kull awtorizzazzjoni oħra li tkun ingħatat qabel.

(7) Meta tingħata applikazzjoni għal liċenzja, u mill-inqas kull ħames snin wara dan, l-Awtorità għandha tirrevedi jekk il-burdnar ikunx jissodisfa jew ikomplix jissoddisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti taħt dawn ir-regolamenti.

(8) Awtorizzazzjoni Komunitarja tkun valida wkoll għal operazzjonijiet nazzjonali.

Rifjut ta' applikazzjoni.

35. Meta l-kondizzjonijiet stabbiliti taħt dawn ir-regolamenti ma jkunux sodisfatti, l-Awtorità għandha tirrifjuta li toħroġ jew li ġġedded Awtorizzazzjoni Komunitarja, skond il-każ, u għandha tagħti l-motivazzjonijiet għal deċiżjoni bħal dik.

Irtirar ta' awtorizzazzjoni Komunitarja u ta' l-attestazzjoni.

36. (1) L-Awtorità tista' tirtira awtorizzazzjoni Komunitarja għar-raġunijiet li ġejjin:

(a) meta d-detentur ma jkunx għadu jissoddisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 5 sa 13 u 19; jew

(b) meta d-detentur ikun ipprovda informazzjoni li m'hix korretta lill-Awtorità relatata mal-ħruġ jew it-tiġdid ta' l-awtorizzazzjoni.

(2) F'każ ta' xi ksur serju ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità tista' fost l-oħrajn temporanjament jew parzjalment tissospendi l-awtorizzazzjoni u tista' tirtira l-attestazzjoni tax-xufier ta' dawn il-burdnara jekk dawn ikunu stabbiliti f'Malta u tista' wkoll tipprovdi biex il-ħruġ ta' attestazzjonijiet tax-xufiera jkun soġġett għal kondizzjonijiet addizzjonali sabiex tipprevjeni l-użu. Dawn il-miżuri għandhom jiġu imposti b'kunsiderazzjoni għall -

(a) gravità tal-ksur; u

(b) l-għadd totali ta' kopji veri attestati ta' l-awtorizzazzjoni f'idejn id-detentur għar-rigward tat-traffiku internazzjonali.

Appelli.

37. Kull deċiżjoni ta' l-Awtorità skond ir-regolament 36 hija soġġetta għal appell quddiem bord ta' l-appelli li għandu jitwaqqaf skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta.

Aċċess għas-suq f'pajjiżi tal-KEMT

Ġarr tal-merkanzija fil-Membri tal-KEMT.

38. It-twettiq ta' operazzjonijet ta' burdnar sa jew minn jew fil-pajjiżi membri tal-KEMT huwa soġġett għal liċenzja tal-KEMT.

Ksib ta' liċenzja tal-KEMT.

39. (1) Tali liċenzja tiġi akkwistata wara li ssir applikazzjoni bil-miktub lill-Awtorità, li magħha jkun hemm mehmuz ċertifikat ta' konformità tal-fabbrikant skond il-linji ta' gwida li hemm fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u kull informazzjoni li tista' tenħtieġ għal dan il-għan.

(2) L-Awtorità għandha tagħraf liċenzi tal-KEMT maħruġa f'pajjiżi membri oħra tal-KEMT.

(3) Liċenzja tal-KEMT tkun biss valida għal vettura waħda biss f'xi waqt, u din għandha tinġarr fuq il-vettura għat-tul tal-vjaġġ kollu.

Użu tal-liċenzja tal-KEMT.

40. Il-persuna li għandha liċenzja tal-KEMT tista' wkoll tuża dawn il-liċenzi għal vetturi li huma mikrija jew lokati mingħajr ix-xufier.

Vettura li jkollha liċenzja.

41. (1) Il-vettura li dwarha tkun qed tintuża l-liċenzja tal-KEMT għandha tkun għad-dispożizzjoni esklusiva tad-detentur meta din tintuża, u għandha tinsaq mill-impjegati tad-detentur jew minnu stess.

(2) Dawn li ġejjin għandhom ukoll jinżammu fil-vettura:

(a) il-kuntratt tal-kiri, jew estratt attestat minn dak il-kuntratt li jagħti partikolarment l-isem ta' min jikri, isem il-kerrej, id-data u t-terminu tal-kuntratt u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

(b) meta x-xufier ma jkunx il-persuna li kriet il-vettura, il-kuntratt ta' l-impjieg tax-xufier jew estratt attestat minn dak il-kuntratt li jkun jagħti partikolarment l-isem ta' min jimpjega, l-isem ta' l-impjegat u d-data u għal kemm żmien idum il-kuntratt ta' l-impjieg, jew *pay slip* reċenti.

(3) Meta l-Awtorità jidhrilha li jkun hekk meħtieġ, hija tista' tissostitwixxi d-dokumenti msemmija fis-subregolament (2) b'dokument ekwivalenti maħruġ għal dak il-għan.

(4) Liċenzja tal-KEMT ma tistax tiġi trasferita.

Isem tal-persuna li topera l-vettura.

42. L-isem tal-persuna li topera l-vettura għal min jikriha għandu jidher fl-ewwel paġna tal-liċenzja.

Eżenzjonijiet.

43. L-operazzjonijiet tat-trasport deskritti fit-II Parti tar-Raba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti huma eżenti mir-rekwiżit ta' liċenzja tal-KEMT.

Logbook.

44. (1) Id-detentur ta' liċenzja tal-KEMT għandu jżomm *logbook*, fil-forma preskritta mill-Awtorità u maħruġ f'ismu. Dawn il-*logbooks* m'humiex trasferibbli.

(2) Il-*logbook* għandu jkollu l-istess isem bħal-liċenzja tal-KEMT li jkun jirriferi għaliha u għandu jinżamm fuq il-vettura flimkien ma' din il-liċenzja.

(3) Il-burdnar għandu jippreżenta l-*logbook* għall-ispezzjoni meta jintalab minn xi uffiċjal awtorizzat li jispezzjona, li jista' mbagħad jittimbra l-*logbook*.

Rekwiżiti għall-validità.

45. (1) Liċenzja tal-KEMT ma tkunx valida jekk ma jkunx fiha dawn il-partikolaritajiet li ġejjin imniżżlin b'mod li ma jitħassrux:

(a) l-isem jew l-isem kummerċjali u l-indirizz sħiħ ta' l-impriża;

(b) il-firma u t-timbru tal-korp li joħroġ il-liċenzja;

(ċ) id-dati meta l-validità tal-liċenzja tibda u tintemm;

(d) id-data tal-ħruġ tal-liċenzja.

(e) Liċenzi għal vetturi "ħodor" jew "aktar ħodor u siguri" jew "siguri ta' l-EUR03" kif definiti fis-Sitt Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti, jitqiesu wkoll invalidi, jekk spezzjoni *ad hoc* tkun turi li r-rekwiżiti jew is-sigurtà meħtieġa kif preskritta għal dan it-tip ta' vetturi ma jkunux qed jiġu mħarsa.

(2) Il-liċenzi jistgħu jiġu irtirati mill-Awtorità, partikolarment f'każ ta' xi ksur serju jew ripetut u f'każi ta' użu insuffiċjenti jew użu għal operazzjonijiet ta' trasport bilaterali biss.

(3) Fil-każ li jiġi skopert li qed tintuża liċenzja tal-KEMT iffalsifikata, mitlufa jew misruqa, jew li liċenzja tal-KEMT tkun qed tintuża minn burdnar minbarra d-detentur jew fil-każ ta' l-użu ta' xi ċertifikat iffalsifikat, il-liċenzja għandha tiġi rtirata minnufih u tiġi kkomunikata lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż fejn ikun reġistrat il-burdnar.

(4) Bl-istess mod, jekk jiġi skopert li tkun qed tintuża liċenzja tal-KEMT li tkun skadiet jew għadda ż-żmien tal-validità tagħha, din għandha tiġi rtirata minnufih u tiġi komunikata lill-awtorità rilevanti.

Liċenzi tal-KEMT irtirati jew ċeduti.

46. Liċenzi li jiġu irtirati jew ċeduti jistgħu jerġgħu jinħarġu lil burdnara oħrajn għall-bqija tat-terminu ta' validità taghhom. F'dawn il-każi, il-liċenzi għandhom jiġu kanċellati u sostitwiti b'liċenzi ta' riserva qabel ma jinħarġu lil xi burdnar iehor għall-bqija taż-żmien.

Kanċellazzjoni u sostituzzjoni tal-liċenzi tal-KEMT.

47. (1) Meta l-liċenzi jiġu kanċellati jew sostitwiti, l-Awtorità għandha tinforma lis-Segretarjat tal-KEMT.

(2) B'mod simili, ċertifikati ffalsifikati għal vetturi "ħodor" jew "aktar ħodor u siguri" jew "siguri tal-EUR03" għandhom jiġu trasmessi lill-awtorità kompetenti tal-pajjiż li fih il-vettura tkun reġistrata.

(3) Fil-każi meta l-liċenzja tintilef jew tinsteraq, l-Awtorità li tkun ħarġitha għandha tiġi avżata minnufih. L-Awtorità tista' tissostitwiha b' liċenzja oħra għall-bqija tal-perijodu ta' validità.

(4) L-Awtorità għandha tinnotifika lis-Segretarjat tal-KEMT bin-numri tal-liċenzi mitlufa jew misruqa u bis-sostituzzjoni tagħhom.

Aċċess għas-suq f'pajjiżi oħrajn

Pattijiet bilaterali.

48. L-Awtorità għandha tistabbilixxi xi jkunu l-kondizzjonijiet għall-aċċess għas-suq f'pajjiżi li magħhom Malta jkollha xi patt bilaterali minbarra l-Istati tal-Ftehim jew pajjiżi membri tal-KEMT, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' kull tali Patt.

Aċċess għas-Suq Nazzjonali minn Trasportaturi Mhux Residenti Stabbiliti fl-Istati tal-Ftehim (Kabotaġġ)

Intitolament għat-twettiq tal-kabotaġġ.

49. Burdnar b'kiri jew b'kumpens li jkollu awtorizzazzjoni Komunitarja u li x-xufier tiegħu, jekk huwa ċittadin ta' Stat li m'huwiex Stat tal-Ftehim, għandu attestazzjoni tax-xufiera, huwa intitolat, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti b'dawn ir-regolamenti, li jwettaq

operazzjonijiet ta' kabotaġġ fuq bażi temporanja f'Malta, mingħajr ma jkollu uffiċċju reġistrat jew stabbiliment ieħor f'Malta.

Xogħol għalih innifsu.

50. Kull burdnar huwa permess li jwettaq operazzjonijiet b' kabotaġġ abbażi ta' xogħol għalih innifsu.

Forma.

51. Awtorizzazzjoni għall-kabotaġġ għandha tinħareġ mill-Awtorità fil-forma indikata fis-Seba' Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Awtorizzati.

52. (1) Dawn l-awtorizzazzjonijiet jinħarġu f'isem il-burdnar u m'humiex trasferibbli.

(2) Awtorizzazzjoni għall-kabotaġġ tista' tinħareġ biss għal vettura waħda f'kull waqt.

(3) Impriżi li huma intitolati f'Malta li jwettqu operazzjonijiet ta' burdnar akkont ta' persuna nnifisha huma intitolati li jirċievu l-awtorizzazzjonijiet għall-kabotaġġ skond dawn ir-regolamenti taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk l-impriżi li jwettqu l-operazzjonijiet ta' burdnara b'kiri jew kumpens.

Titolu tal-vetturi.

53. Burdnar li mhux resident għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-vettura jew taħt titolu ta' proprjetà jew taħt kull titolu ieħor inkluż *hire-purchase*, kiri jew kuntratt ta' self.

Kiri mill-Burdnar.

54. (1) Fil-każ ta' kiri, il-vettura għandha tinkera mill-burdnar fl-Istat tal-Ftehim fejn ikun stabbilit biex iwettaq l-operazzjonijiet b'*cabotage*. Iżda, sabiex iwettaq operazzjoni ta' kabotaġġ li tkun ġiet interrotta minħabba fi *breakdown* jew aċċident, il-burdnar li ma jkunx residenti jista' jikri vettura f'Malta taħt l-istess kundizzjonijiet daqs burdnara residenti u l-awtorizzazzjoni għall-kabotaġġ tiġi trasferita għall-vettura li tissostitwiha. L-Awtorità għandha tiġi infurmata dwar dan it-trasferiment.

(2) L-awtorizzazzjoni għall-kabotaġġ u l-kuntratt tal-kera, jekk ikun hemm, għandhom jinżammu fil-vettura bil-mutur.

(3) L-awtorizzazzjoni għall-kabotaġġ għandha tiġi ppreżentata kull meta tintalab minn uffiċjali awtorizzati li jispezzjonaw.

Perijodu ta' validità.

55. Il-perijodu ta' validità ta' awtorizzazzjoni għal kabotaġġ għandu jkun imniżżel fl-awtorizzazzjoni mill-Awtorità.

Ktieb ta' *record sheets*.

56. (1) Operazzjonijiet ta' trasport imwettqa taħt awtorizzazzjoni għall-kabotaġġ għandhom jiddaħħlu entrati fi ktieb ta' *record sheets* u

x-*sheets* jintraddu ma' l-awtorizzazzjoni lill-Awtorità fi żmien tmint ijiem minn meta tiskadi l-awtorizzazzjoni.

(2) Il-ktieb ta' *record sheets* għandu jikkorrispondi mal-forma indikata fit-Tmien Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti.

Kundizzjonijiet.

57. It-twettiq ta' operazzjonijiet ta' trasport b'kabotaġġ huma soġġetti għal kull liġi, regolament jew miżura oħra fis-seħħ f'Malta, partikolarment dwar:

(a) ir-rati u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kuntratt ta' trasport;

(b) piżijiet u dimensjonijiet ta' vetturi tat-triq għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-regolamenti li jirregolaw il-piżijiet, tagħmir u qisien ta' vetturi bil-mutur;

(ċ) rekwiżiti dwar il-ġarr ta' xi kategoriji ta' merkanzija, partikolarment merkanzija perikoluża, ikel li jitħassar u annimali ħajjin;

(d) ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ;

(e) VAT (Taxxa dwar il-Valur Miżjud) fuq is-servizzi tat-trasport:

Iżda dan ir-regolament japplika ugwalment għal burdnara residenti u burdnara mhux residenti li jkunu stabbiliti fl-Istati tal-Ftehim.

Preżentazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni

58. L-awtorizzazzjoni Komunitarja jew kopja vera attestata għandha tinżamm fuq il-vettura u tiġi ppreżentata kull meta din tintalab minn uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

Livelli tekniċi.

59. Il-livelli tekniċi għall-binja u t-tagħmir li għandhom jilħqu l-vetturi użati għall-operazzjonijiet ta' kabotaġġ għandhom jilħqu r-rekwiżiti għal vetturi li jiċċirkolaw fit-trasport internazzjonali.

Taqsima V

L-UŻU TA' VETTURI MINGĦAJR XUFIERA TAĦT OPERAT NAZZJONALI

L-użu tal-vetturi mingħajr xufiera.

60. (1) Huwa possibbli li jintużaw fit-territorju ta' Malta vetturi mikrija minn impriżi stabbiliti fi Stati tal-Ftehim minbarra Malta jekk:

(a) il-vettura hija reġistrata jew tiċċirkola skond il-liġijiet fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni;

(b) il-kuntratt jirrelata biss għall-kiri tal-vettura mingħajr xufier, u m'huwiex akkumpanjat minn kuntratt għal servizz konkluż ma' l-istess impriża li jkopri impjegati li jsuqu jew ħaddiema li jakkumpanjaw;

(ċ) il-vettura mikrija tkun għad-dispożizzjoni ta' l-impriża li qed tużaha biss matul it-terminu tal-kuntratt tal-kera;

(d) il-vettura tinsaq minn ħaddiema ta' l-impriża li qed tikriha;

(e) tingħieb prova li tkun konformi mal-kundizzjonijiet fl-inċiżi (a) sa (d) mid-dokumenti li ġejjin, li għandhom ikunu fuq il-vettura:

- il-kuntratt tal-kera, jew estratt attestat minn dak il-kuntratt li jagħti partikolarment l-isem ta' min jikri, isem il-kerrej, id-data u ż-żmien tal-kuntratt u n-numru ta' identifikazzjoni tal-vettura;

- meta x-xufier ma jkunx il-persuna li tkun kriet il-vettura, il-kuntratt ta' l-impjieg tax-xufier jew estratt attestat minn dak il-kuntratt li jagħti partikolarment l-isem ta' min jimpjega, l-isem ta' l-impjegat u d-data jew iż-żmien tal-kuntratt ta' impjieg jew *pay slip* reċenti.

(2) Meta l-Awtorità jidhrilha li jkun meħtieġ, hija tista' tissostitwixxi d-dokumenti msemmija fil-paragrafu (e) b'dokument ekwivalenti maħruġ għal dak l-għan.

Taqsima VI

RATI U KUNDIZZJONIJIET GĦALL-ĠARR STRADALI TAL-MERKANZIJA

Ir-rati jitwaqqfu bi ftehim liberu.

61. (1) Dan ir-regolament u r-regolament 62 jgħoddu għall-ġarr stradali tal-merkanzija f'Malta b'kiri jew b'kumpens ukoll jekk, fil-ħin ta' dawn l-operazzjonijiet ta' ġarr, parti mill-vjaġġ jitwettaq:

- bi transitu minn pajjiż ieħor; jew

- minn vettura li tinġarr permezz ta' mezz ieħor tat-trasport, mingħajr tagħbija mill-ġdid intermedja tal-merkanzija.

(2) Ir-rati għall-operazzjonijiet ta' ġarr imsemmija fis-subregolament (1) għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim liberu bejn il-partijiet tal-kuntratt tal-ġarr.

62. Għall-għanijiet biss ta' sorveljanza tas-suq, l-Awtorità tista' titlob lill-burdnara, *forwarding agents, freight brokers* u aġenti oħra tat-trasport biex jipprovdu informazzjoni dwar ir-rati mitluba għall-ġarr stradali internazzjonali tal-merkanzija. Poter li tintalab informazzjoni.

Taqsima VII

L-UŻU TA' VETTURI TAL-MERKANZIJA F'MALTA

63. Vettura tal-merkanzija użata fit-triq għandha tkun tajba u żgura f'kollox għall-ġarr tal-merkanzija. Sigurtà tal-vetturi.

64. Vettura tal-merkanzija użata fit-triq għandu jkollha t-tagħbija maqfula tajjeb jew mgħottija kif imiss sabiex jiġi pprevenut li xi parti minnha taqa' fit-triq jew mod ieħor tipperikola s-sigurtà tat-traffiku jew tal-persuni. Sigurtà tat-tagħbija.

65. F'ebda każ m'għandha t-tagħbija li tinġarr minn vettura tal-merkanzija: L-għoli tat-tagħbija.

(a) tilħaq għoli li jista' jagħmel ħsara lill-istabbiltà tal-vettura;

(b) tilħaq għoli li jġiegħel lill-vettura teċċedi l-għoli massimu permessibbli fir-regolamenti li jirregolaw il-piżijiet, tagħmir u qisien ta' vetturi bil-mutur;

(ċ) tisporġi lil hinn mill-wesa' ġenerali tal-*body*.

Iżda f'każi speċjali l-Kummissarju tal-Pulizija f'konsultazzjoni ma' l-Awtorità jista' jagħti permess temporanju bil-miktub lill-proprjetarji ta' vetturi tal-merkanzija li jwarrbu l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi (b) u (ċ) mingħajr preġudizzju għal dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulu xierqa.

66. Fil-każ li ssir ħsara ta' kull tip fit-triq jew tagħmir relatat jew għamara tat-triq il-burdnar ikun responsabbli għall-ispejjeż kollha ta' restawr għall-*istatus quo ante*. Il-vetturi tal-merkanzija kollha li jsuqu fit-toroq ta' Malta għandhom ikunu koperti minn polza ta' assigurazzjoni valida li tkun tkopri dawn l-eventwalitajiet. Ħsara lit-toroq.

67. Ħadd ma għandu jsuq jew jippermetti li tinsaq vettura tal-merkanzija meta, minħabba xi kawża, tkun xi tkun, l-*exhaust pipe* jew il-konnessjoni tiegħu jkunu jarmu duħħan, naqal, xrar, irmied, ġamar jew sustanzi żejtnin. Emissjonijiet ta' l-exhaust.

68. Ebda persuna ma għandha twaqqaf, sew temporanjament sew xort'oħra, u thalliha waħedha jew tipparkja vettura tal-merkanzija jew Waqfien ta' vetturi tal-merkanzija.

tħalli *container* fit-triq jew spazju fil-beraħ sew jekk magħluq sew xort'oħra li ma jkunx ġo post awtorizzat għall-ipparkjar jew depost awtorizzat għall-ħażna ta' *containers*:

- Iżda l-Kummissarju jista' f'każi eċċezzjonali, f'kull każ partikolari, u b'dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulu xierqa li jimponi, jagħti eżenzjoni minn din id-dispożizzjoni:

- Iżda l-Kummissarju jista' wkoll joħroġ liċenzja sabiex *containers* vojta jiġu pparkjati jew stivati fit-triq tal-fabbrika, sew jekk tkun proprjetà privata sew xort'oħra, kif speċifikat taħt dik il-liċenzja, taħt dawk il-kundizzjonijiet li jidhrulu xierqa li jimponi.

Ipparkajr ta' vetturi tal-merkanzija.

69. L-ipparkjar ta' vetturi tal-merkanzija f'post awtorizzat għall-ipparkjar jew depost awtorizzat għall-ħażna għandu jikkonforma ma' kull regola fis-seħħ dwar l-ipparkjar ta' dawk il-vetturi.

Tagħbija jew ħatt ta' vetturi tal-merkanzija.

70. It-tagħbija jew il-ħatt ta' vetturi tal-merkanzija fit-triq huma mingħajr preġudizzju għal kull regolament rilevanti dwar it-traffiku li jkun jipprevali f'dak il-ħin.

Ġarr tal-passiġġieri.

71. (1) Ma jistgħux jinġarru passiġġieri fil-vetturi tal-merkanzija iżda:

(a) persuna waħda tista' toqgħod bil-qiegħda ħdejn ix-xufier ta' vettura tal-merkanzija meta tkun qed tintuża;

(b) jistgħu jinġarru persuni inkarigati mill-merkanzija jew li tqabbdu biex jgħabbuha jew iħottuha.

(2) Il-Kummissarju jista', f'każi speċjali, jagħti permess:

(a) lil sidien ta' vettura tal-merkanzija biex iġorru persuni fil-vettura tagħhom minbarra dawk inkarigati mill-merkanzija;

(b) lil kuntratturi u għaqdiet bonafidi biex iġorru lill-ħaddiema mingħajr ħlas jew kumpens fil-vetturi tal-merkanzija tagħhom, mill-post fejn jiltaqgħu sal-post prinċipali tagħhom, u għal postijiet oħra tax-xogħol u lura jekk dawk il-postijiet tax-xogħol ma jkunux jintlaħqu faċilment minn rotta stabbilita ta' karrozzi tal-linja u jekk ikun hemm dwar dik il-vettura tal-merkanzija sigurtà adatta li tkopri lill-ħaddiema li jinġarru fiha mingħajr ħlas.

Ġarr ta' laħam u ħut.

72. Il-ħut u l-laħam frisk ma jistgħux jinġarru fil-vetturi tal-merkanzija jekk ma jkunux mibnijin apposta u approvati mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern f'Malta jew xi awtorità kompetenti magħrufa minn Stat tal-Ftehim għal dak l-għan.

Ġarr ta' merkanzija perikoluża.

73. Kull vettura li tiġi operata nazzjonalment jew internazzjonalment u tkun iġġorr merkanzija perikoluża kif definita fil-Ftehim Ewropew ta' l-2001 dwar il-Ġarr Stradali Internazzjonali ta' Merkanzija Perikoluża, ("Ftehim ta' l-ADR"), għandha tikkonforma mar-rekwiżiti skond ir-regolamenti li jirregolaw il-ġarr ta' merkanzija perikoluża fit-toroq.

Taqsima VIII

TRASPORT KOMBINAT TA' MERKANZIJA

Trasport kombinat.

74. Fil-każ ta' trasport kombinat b'kiri jew b' kumpens, għandu jiġi ppreżentat dokument tat-trasport lill-Awtorità meta din titolbu. Dan id-dokument għandu jispeċifika l-istazzjonijiet tal-ferrovija tat-tagħbija jew ħatt, jew il-passaġġ ta' l-ilma intern tat-tagħbija jew ħatt, jew il-portijiet marittimi tat-tagħbija jew ħatt dwar it-taqsima marittima tal-vjaġġ, u l-istazzjonijiet jew portijiet tat-tagħbija jew ħatt stradali dwar il-parti stradali li m'hix l-ewwel jew l-aħħar parti tal-vjaġġ.

Għandhom jiġu reġistrati dettalji.

75. (1) Id-dettalji msemmija fir-regolament ta' qabel għandhom jiġu reġistrati qabel ma titwettaq l-operazzjoni tat-trasport u għandhom jiġu konfermati permezz ta' timbru mwaħħal mill-awtorità rilevanti meta titlesta l-parti Maltija tal-vjaġġ.

(2) Kull burdnar imwaqqaf fi Stat tal-Ftehim li jilħaq il-kundizzjonijiet tar-regolamenti 5 sa 29 għandu d-dritti li jwettaq l-ewwel jew l-aħħar parti tal-ġarr stradali ta' operazzjoni ta' trasport kombinat. Ukoll, burdnar b'kiri jew b'kumpens għandu jikkonforma ma' arranġamenti ta' *security pass* li jkunu fis-seħħ fiż-żoni tal-port.

Ġarr fl-aħħar parti.

76. Meta *trailer* jew *semi-trailer* li jappartjeni għal impriża involuta fil-ġarr akkont ta' persuna nnifisha jingarr fuq l-aħħar parti minn trattur li jappartjeni għal impriża involuta fit-trasport b'kiri jew b'kumpens, l-operazzjoni tat-trasport hekk effettwata hija eżentata mill-preżentazzjoni tad-dokument imsemmi fir-regolament 74. Madankollu, għandu jiġi ppreżentat dokument ieħor li jixhed il-vjaġġ magħmul jew li jkun ser isir b'ferrovija, f'kanal ta' l-ilma intern, bil-baħar jew stradali, meta dik il-parti tal-vjaġġ stradali ma tkunx l-ewwel jew l-aħħar parti.

Partijiet akkont ta' persuna nnifisha.

77. (1) Meta l-impriża li tibgħat, twettaq l-ewwel parti tal-vjaġġ stradali akkont ta' persuna nnifisha, l-impriża li tirċievi tista' twettaq l-aħħar parti akkont ta' persuna nnifisha, ukoll jekk it-*trailer* jew *semi-trailer* ikun reġistrat jew mikri mill-impriża li tibgħat.

(2) Meta l-impriża li tirċievi, twettaq l-ewwel parti tal-ġarr stradali akkont ta' persuna nnifisha, l-impriża li tibgħat tista' twettaq l-aħħar parti akkont ta' persuna nnifisha, ukoll jekk it-*trailer* jew *semi-trailer* ikun reġistrat jew mikri mill-impriża li tirċievi.

Taqsima IX

SPEZZJONIJIET

Preżentazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

78. L-awtorizzazzjoni tal-burdnar għandha tingħarr fuq il-vettura u tiġi ppreżentata fuq talba ta' uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

Poteri ta' spezzjoni.

79. Il-burdnara għandhom jippermettu l-ispezzjonijiet kollha maħsuba biex jiġi aċċertat illi l-operazzjonijiet qed jitmexxew tajjeb, partikolarment dwar ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ u dwar tagħmir, piżijiet u dimensjonijiet. Sabiex tiġi aċċertata l-konformità ma' dawn ir-regolamenti, l-uffiċjali awtorizzati li jispezzjonaw għandhom il-poter li:

(a) jeżaminaw il-kotba u dokumenti oħrajn dwar l-operazzjoni ta' l-impriża tat-trasport;

(b) jagħmlu kopji ta', jew jieħdu estratti mill-kotba u d-dokumentazzjoni fuq il-post;

(c) ikollhom aċċess għall-postijiet, siti u vetturi kollha ta' l-impriża;

(d) jitolbu l-preżentazzjoni ta' kull informazzjoni fil-kotba, dokumentazzjoni jew *databases*.

Spezzjonijiet fil-ġenb tat-toroq u fuq il-moll.

80. L-Awtorità għandha tispezzjona dwar il-konformità tal-burdnar internazzjonali permezz ta' spezzjonijiet kif jiġu u li jkunu mwettqa fuq il-moll, mat-triq jew fil-post ta' l-impriża.

Elementi ta' l-ispezzjonijiet.

81. L-ispezzjonijiet fuq il-moll jew mat-triq għandhom ikopru -

(a) ħinijiet ta' sewqan ta' kuljum, ħinijiet ta' mistrieħ ta' kuljum, pawżi;

(b) l-aħħar ħin ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa (meta xieraq);

(ċ) rekwiżiti tekniċi tar-regolamenti li jirregolaw il-piżijiet, tagħmir u qisien ta' vetturi bil-mutur;

(d) kotba jew dokumentazzjoni dwar awtorizzazzjoni tal-vjaġġi.

Spezzjonijiet fil-post.

82. L-ispezzjonijiet għandhom ukoll jitwettqu fil-post ta' impriżi tal-burdnara, li joperaw internazzjonalment, stabbiliti f'Malta u għandhom jinkludu dawn li ġejjin:

(a) ħinijiet ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa u ħinijiet tas-sewqan bejn dawn il-ħinijiet ta' mistrieħ,

(b) limitazzjoni tal-ħinijiet tas-sewqan kull ġimagħtejn,

(ċ) kumpens għall-ħinijiet ta' mistrieħ ta' kuljum jew ta' kull ġimgħa mnaqqsa,

(d) l-użu ta' *record sheets* u, jew l-organizzazzjoni tal-ħinijiet tax-xogħol tax-xufiera.

Spezzjonijiet b'talba ta' l-Awtorità.

83. Għall-għanijiet stabbiliti f'dawn ir-regolamenti, il-verifiki mwettqa abbażi ta' dokumenti rilevanti mogħtija minn impriżi b'talba ta' l-Awtorità għandu jkollhom l-istess status daqs spezzjonijiet imwettqa fil-post ta' l-impriża.

Taqsima X

DISPOŻIZZJONIJIET LI JEMENDAW

Emenda għal A.L. 128 ta' l- 1994.

84. It-Taqsima VIII tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, hija b'dan imħassra.

B 1740

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 9)

L-I PARTI

BURDNAR LI JOPERA BĦALA NEGOZJANT WAĦDU / BI SĦUBIJA

RAPPORT TA' L-*ACCOUNTANT*

1. Aħna ħejjejna, mingħajr ma wettaqna verifika, rendikont ta' l-affarijiet fi..... (data) mir-reġistri tal-kontijiet ta' ....., hawn issa 'l quddiem imsejjaħ bħala 'd-ditta', li għandha l-indirizz kummerċjali fi ..... u minn informazzjoni u spjegazzjonijiet provduti lilna.

2. Meta għamilna dan ir-rapport ikkunsidrajna r-rendikont mhux verifikat ta' l-affarijiet, hawn qabel imsemmi u, partikolarment, kull ammont u informazzjoni oħra inklużi f'dak ir-rendikont ta' l-affarijiet dwar:

   i. Fondi disponibbli, inklużi kontanti fil-banek u faċilitajiet ta' *overdraft* u ta' self;
   ii. Assi, inkluża proprjeta`, disponibbli biex tipprovdi garanziji;
   iii. Spejjeż, inklużi spejjeż tax-xiri jew ħlas inizjali għall-vetturi, postijiet, impjanti u tagħmir; u
   iv. Kapital għall-operazzjoni.

3. Aħna nikkonfermaw illi r-rendikont mhux verifikat ta' l-affarijiet tad-ditta fi ..... (data) juri Assi Totali nieqsa Debiti Totali ta' Lm ..... fi ..... (data) li, abbażi ta' l-applikazzjoni għall-liċenza għal ..... vetturi (bl-użu ta' rata ta' kambju ta' €1.00 = Lm0.40), Lm ..... jeċċedu Lm 3,600 għall-ewwel vettura b' piż awtorizzat massimu li jeċċedi 3.5 tunnellata u Lm 2,000 għal kull vettura addizzjonali li għandha tiġi awtorizzata għall-użu skond il-Liċenzja ta' Operatur tat-Trasport tal-Passiġġieri tad-ditta.

Ditta ta' *Accountants* .....
Indirizz: .....
.....
.....

Firma ta' l-Awditur/*Accountant*: .....
Data: .....

i.e. persuna kwalifikata skond l-Att dwar il-Kumpanniji jew *Accountant* magħruf mill-Ministru responsabbli għat-trasport

IT-2 PARTI

BURDNAR LI JOPERA BĦALA KUMPANNIJA B'RESPONSABBILTÀ LIMITATA

RAPPORT TA' L-*ACCOUNTANT*

1) Aħna vverifikajna skond l-livelli tal-veritiki r-rendikonti finanzjarji ta' ....., minn issa msejħa bħala 'l-kumpannija' li għandha uffiċċju reġistrat fi..... għaż-żmien/sena li ntemmet fi..... (data).

2) Ir-rapport tal-verifika tagħna fuq dawn ir-rendikonti finanzjarji kien mingħajr kwalifika.

JEW

Ir-rapport tal-verifika tagħna fuq dawn ir-rendikonti finanzjarji, li kien ikkwalifikat, kien kif ġej:

3) Meta għamilna dan ir-rapport ikkunsidrajna r-rendikonti finanzjarji msemmija hawn qabel u, partikolarment, kull ammont u informazzjoni oħra inklużi fi dawk ir-rendikonti finanzjarji , dwar:

   i. Fondi disponibbli, inklużi kontanti fil-banek u faċilitajiet ta' *overdraft* u ta' self;
   ii. Assi, inkluża proprjeta`, disponibbli biex tipprovdi garanziji;
   iii. Spejjeż, inklużi spejjez tax-xiri jew ħlas inizjali għal vetturi, postijiet, imppjanti u tagħmir; u
   iv. Kapital għall-operazzjoni.

4) Aħna nikkonfermaw illi l-*balance sheet* verifikata tal-kumpannija fi ..... (data) turi Kapital u Riservi ta' Lm ..... li, abbażi tal-liċenzja għal ..... vetturi (bl-użu ta' rata ta' kambju ta' €1.00 = Lm0.40), Lm ..... jeċċedu Lm 3,600 għall-ewwel vettura b' piż awtorizzat massimu li jeċċedi 3.5 tunnellata u Lm 2,000 għal kull vettura addizzjonali li għandha tiġi awtorizzata għall-użu skond il-Liċenza ta' Operatur tat-Trasport tal-Passiġġieri tal-kumpannija

Ditta ta' *Accountant*s .....

Indirizz: .....
.....
.....

Firma ta' l-Awditur/*Accountant*: .....

Data: .....

i.e. Persuna kwalifikata skond l-Att dwar il-Kumpanniji jew *Accountant* magħruf mill-Ministru responsabbli għat-trasport.

B 1742

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 10)

L-1 PARTI

ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA PROFESSJONALI
MALTA

(Karta ħoxna kannella - Format: DIN A4)

(Test bil-Malti jew bl-Ingliż)

M **Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**

ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA PROFESSJONALI FIT-TRASPORT STRADALI TAL-MERKANZIJA NAZZJONALI [U INTERNAZZJONALI] ([1])

Aħna, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, b'dan niċċertifikaw:

(a) li ..... (Kunjom u isimijiet)
imwieled f' .....(post)
fi .....(data)

għadda mit-testijiet ta' l-eżami (sena: .....; sessjoni:.....)([2]) organizzat għall-għotja taċ-ċertifikat ta' kompetenza professjonali fit-trasport stradali nazzjonali [u internazzjonali] ([1]) ta' merkanzija skond ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Merkanzija bil-Vetturi bil-Mutur.

(b) li l-persuna msemmija f'(a) hi kwalifikata li taħdem f'kapaċità professjonali f'impriża responsabbli għall-ġarr tal-merkanzija:

- involuta biss fit-trasport nazzjonali ([1])
- involuta fit-trasport internazzjonali ([1])

Dan iċ-ċertifikat hu prova suffiċjenti ta' kompetenza professjonali msemmija fir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Merkanzija bil-Vetturi bil-Mutur

Maħruġ fi ..... , fi .....

.....

Timbru ta' l-Awtorità u Firma tar-Rappreżentant Awtorizzat

([1]) Ħassar kif meħtieġ

It-2 PARTI

ELENKU TA' SUĠĠETTI MSEMMIJA FIR-REGOLAMENT 10

L-għarfien li għandu jittieħed in konsiderazzjoni għall-għarfien uffiċjali ta' kompetenza professjonali mill-Awtorita` għandu jkopri mill-inqas is-suġġetti elenkati hawn taħt għall-ġarr tal-merkanzija. Dwar dawn is-suġġetti, burdnara applikanti għandu jkollhom il-livelli ta' għarfien u kapaċita` prattika meħtieġa għall-ġestjoni ta' impriża tat-trasport.

A. Liġi Ċivili

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mat-tipi ewlenin ta' kuntratt użati fit-trasport stradali, u mad-drittijiet u d-dmirijiet li jirriżultaw minnhom;

2. ikun kapaċi li jinnegozja kuntratt tat-trasport validu skond il-liġi, notevolment dwar kundizzjonijiet tal-ġarr;

3. ikun jista' jikkunsidra talba mill-prinċipal tiegħu rigward kumpens għal telf jew ħsara fil-merkanzija matul it-trasportazzjoni jew għal konsenja tard, u jifhem kif tali talba tista' teffettwa r-responsabbiltà kuntrattwali tiegħu;

4. ikun familjari mar-regoli u d-dmirijiet li jirriżultaw mill-Konvenzjoni tas-CMR dwar il-kuntratt għall-ġarr stradali internazzjonali tal-merkanzija.

B. Liġi Kummerċjali

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mal-kundizzjonijiet u l-formalitajiet stabbiliti għat-twettiq tan-negozju, id-dmirijiet inkombenti fuq l-operaturi tat-trasport (reġistrazzjoni, li jinżammu r-*records*, eċċ), u l-konsegwenzi tal-falliment;

2. ikollu għarfien xieraq tal-forom varji ta' kumpanniji kummerċjali u r-regoli li jirregolaw il-kostituzzjoni u l-operat tagħhom.

Ċ. Liġi Soċjali

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mar-rwol u l-funzjoni ta' l-istituzzjonijiet soċjali varji li jirrigwardaw it-trasport stradali (*trade unions*, kunsilli tax-xogħol, *shop stewards*, spetturi tax-xogħol, eċċ.);

2. ikun familjari ma l-obbligi ta' min jimpjega dwar sigurta` soċjali;

3. ikun familjari mar-regoli li jirregolaw kuntratti ta' appalt għall-kategoriji differenti ta' ħaddiema impjegati minn impriżi tat-trasport stradali (forma tal-kuntratti, dmirjiet tal-partijiet, kundizzjonijiet tax-xogħol u sigħat tax-xogħol, vaganzi mħallsa, rimunerazzjoni, vjolazzjoni tal-

4. ikun familjari mad-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Merkanzija bil-Vetturi bil-Mutur u r-regolamenti li jirregolaw il-piżijiet, tagħmir u qisien ta' vetturi bil-mutur .

D. Liġi Fiskali

L-applikant għandu, partikolarment, ikun familjari mar-regoli li jirregolaw :

1. il-VAT fuq servizzi tat-trasport;
2. it-taxxa fuq vetturi bil-mutur;
3. it-taxxi fuq xi vetturi tal-ġarr tal-merkanzija u n-nolijiet u tariffi għall-utenti ta' l-infrastruttura
4. it-taxxa fuq l-*income*

E. Ġestjoni negozjali u finanzjarja ta' l-impriża

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mal-liġijiet u l-prattiki dwar l-użu ta' ċekkijiet, kambjali, *promissory notes*, karti tal-kreditu u mezzi jew metodi oħra tal-ħlas;

2. ikun familjari mal-forom varji ta' kreditu (kreditu mal-bank, kreditu dokumentarju, depożiti ta' garanzija, *mortgages*, kera, lokazzjoni, *factoring*, eċċ.) u mat-tariffi u d-dmirijiet li jirriżultaw minnhom

3. ikun jaf x'inhi *balance sheet,* kif tkun imqassma u kif jinterpretaha;

4. ikun jaf jaqra u jinterpreta kont ta' profitt u telf;

5. ikun jaf jevalwa l-profittabbità ta' l-impriża u l-pożizzjoni finanzjarja tagħha, partikolarment abbażi ta' proporzjonijiet finanzjarji

6. ikun jista' jipprepara *budget*; ;

7. ikun familjari ma' l-elementi ta' spejjeż (spejjeż fissi, spejjeż varjabbli, kapitali ta' l-operati, deprezzament, eċċ) ta' l-impriża tiegħu, u jkun kapaċi jikkalkula l-ispejjeż ta' kull vettura għal kull kilometru, kull vjaġġ jew kull tunnellata;

8. ikun jista' jagħmel pjan ta' l-organizzazzjoni dwar il-ħaddiema ta' l-impriża kollha u li jorganizza pjani tax-xogħol, eċċ.;

9. ikun familjari mal-prinċipji tan-negozjar, pubbliċita` u relazzjonijiet pubbliċi, inkluża l-promozzjoni tal-bejgħ ta' servizzi tat-trasport u l-preparazzjoni tal-*files* tal-klijenti, eċċ.;

10. ikun familjari mat-tipi differenti ta' assigurazzjoni dwar trasport stradali (responsabiltà, assigurazzjoni dwar feriment aċċidentali / ħajja, assigurazzjoni mhux dwar ħajja u tal-bagalji) u mal-garanziji u d-dmirjijet li jirriżultaw minnhom

11. ikun familjari ma' l-applikazzjonijiet tat-trasmissjoni ta' l-informazzjoni *(data)* elettronika fit-trasport stradali;

12. ikun jista' japplika r-regoli dwar il-fatturar ta' servizzi tal-ġarr tal-merkanzija u jkun jaf it-tifsira u l-implikazzjonijiet ta'l-*Incoterms*.

13. ikun familjari mal-kategoriji differenti ta' awżiljarji tat-trasport, ir-rwol tagħhom, il-funzjonijiet tagħhom u, meta xieraq, l-istatus tagħhom;

F. Aċċess għas-suq

L-applikant għandu partikolarment:

1. ikun familjari mar-regoli ta' xogħol li jirregolaw trasport stradali b'kiri jew b'kumpens, kiri tal-vetturi industrijali u sub-kuntrattar, u partikolarment ir-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni uffiċjali ta' l-okkupazzjoni, ammissjoni għax-xogħol, awtorizzazzjoni għal operazzjonijiet tat-trasport stradali fil-Komunita` u barra minnha, spezzjonijiet u sanzjonijiet;
2. ikun familjari mar-regoli biex jistabbilixxi impriża għat-trasport stradali;
3. ikun familjari mad-dokumenti varji meħtieġa għall-operazzjoni ta' servizzi tat-trasport stradali u jkun kapaċi li jintroduċi proċeduri ta' verifika biex jaċċerta li d-dokumenti approvati dwar kull operazzjoni tat-trasport, u partikolarment dawk dwar il-vettura, ix-xufier, il-merkanzija u l-bagalji jinżammu kemm fil-vettura kif ukoll fil-post ta' l-impriża;
4. ikun familjari mar-regoli dwar l-organizzazzjoni tas-suq fis-servizzi ta' burdnara, maniġġar tal-merkanzija u loġistiċi;
5. ikun familjari mal-formalitajiet tal-fruntieri, ir-rwol u l-iskop ta' dokumenti T u TIR *carnets,* u d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li jirriżultaw mill-użu tagħhom.

G. Livelli tekniċi u aspetti ta' l-operat

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun familjari mar-regoli dwar il-piżijiet u d-dimensjonijiet tal-vetturi fl-Istati tal-Ftehim u l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' tagħbijiet mhux normali li jikkostitwixxu eċċezzjoni għal dawn ir-regoli;

2. ikun jista' jagħżel vetturi u l-komponenti tagħhom (*chassis*, makna, sistema ta' trasmissjoni, sistema ta' brejkijiet, eċċ.) skond il-ħtiġiet ta' l-impriża;

3. ikun familjari mal-formalitajiet dwar approvazzjoni dwar tip, reġistrazzjoni u spezzjoni teknika ta' dawn il-vetturi;

4. jifhem liema passi għandhom jittieħdu biex jitnaqqas l-istorbju u jikkombatti t-tniġġis ta' l-arja minn emissjonijiet ta' l-*exhaust* tal-vetturi bil-mutur;

5. ikun jista' jipprepara pjani għall-manutenzjoni perjodika għall-vetturi u t-tagħmir tagħhom;

6. ikun familjari mat-tipi differenti ta' attrezzaturi għall-immaniġġar u t-tagħbija tal-merkanzija (*tailboards, containers, pallets,* eċċ) u jkunu jistgħu jintroduċu proċeduri u joħorġu struzzjonijiet għat-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija (distribuzzjoni tal-merkanzija, stakkjar, stivar, *blocking and chocking*, eċċ);

7. ikun familjari mat-tekniċi varji ta' *"piggy-back"* u trasport kombinat *roll-on roll-off*;

8. ikun jista' jimplimenta proċeduri għall-konformità mal-liġijiet u r-regolamenti Maltin fis-seħħ dwar il-ġarr ta' merkanzija perikoluża u l-iskart;

9. ikun jista' jimplimenta proċeduri għall-konformità mar-regolamenti dwar il-ġarr ta' ikel li

jitħassar, b'mod notevoli dawk li jirriżultaw mill-Ftehim dwar il-Ġarr Internazzjonali ta' Merkanzija li Titħassar u dwar it-tgħammir speċjali li jintuża għal dan il-ġarr (ATP);

10. ikun jista' jimplimenta proċeduri għall-konformità mar-regoli dwar it-trasport ta' annimali ħajjin.

Ħ. Sigurtà fit-Triq

L-applikant għandu, partikolarment:

1. ikun jaf liema kwalifiki huma meħtieġa għax-xufiera (liċenzja tas-sewqan, ċertifikati mediċi, ċertifikati tas-saħħa, eċċ.);

2. ikun jista' jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li x-xufiera jikkonformaw mar-regoli tat-traffiku, projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fis-seħħ fi Stati tal-Ftehim differeni (limiti tal-veloċità`, prijoritajiet, restrizzjonijiet dwar stennija u parkeġġjar, użu tad-dwal, sinjali tat-toroq, eċċ.);

3. ikun jista' jagħmel struzzjonijiet għas-sewwieq biex jivverifikaw il-konformita` tagħhom mar-rekwiżiti tas-sigurta` dwar il-kundizzjoni tal-vetturi, it-tagħmir u t-tagħbija tagħhom, u dwar miżuri preventivi li għandhom jittieħdu;

4. ikun jista' jwaqqaf proċeduri li għandhom jiġu segwiti fi każ ta' aċċident u jimplementa proċeduri xierqa biex jipprevjeni s-seħħ mill-ġdid ta' aċċidenti jew reati gravi tat-traffiku.

L-ORGANIZZAZZJONI TA' L-EŻAMI

1. L-Awtorita` għandha torganizza eżami obbligatorju bil-miktub, li jista' jiġi supplimentat minn eżami orali mhux obbligatorju, sabiex tistabbilixxi jekk operaturi applikanti tat-trasport fit-toroq akkwistawx il-livell meħtieġ ta' għarfien fis-suġġetti elenkati fl- I Parti, partikolarment il-kapaċità tagħhom li jużaw l-istrumenti u t-tekniċi relatati magħhom u li jwettqu d-dmirijiet korrispondenti eżekuttivi u kordinattivi.

(a) L-eżami obbligatorju bil-miktub għandu jinvolvi żewġ testijiet, u ċjoè:

- mistoqsijiet bil-miktub li jikkonsistu jew f'mistoqsijiet bil-*multiple choice* (kull waħda b'erbgħa tweġibiet possibbli), mistoqsijiet li jirrikjedu tweġiba diretta jew kombinazzjoni taż-żewġ sistemi,

- eżerċizzji bil-miktub u studji ta' każi

It-tul minimu ta' kull test huwa ta' sagħtejn.

(b) Meta jiġi organizzat eżami orali, l-Awtorita` tista' tistipula li l-parteċipazzjoni hija b' kundizzjoni li l-eżami bil-miktub ikun ġie kkompletat b' suċċess.

2.1 Meta l-Awtorita` torganizza wkoll eżami orali, għandha tipprovdi, dwar kull wieħed mit-tliet testijiet, 25 % u mhux aktar minn 40 % tat-total tal-marki li għandhom jingħataw.

2.2 Meta l-Awtorita` torganizza biss eżami bil-miktub, għandha tipprovdi, dwar kull test, 40 % u mhux aktar minn 60 % tat-total tal-marki li għandhom jingħataw.

3. Dwar it-testijiet kollha, l-applikanti għandhom jakkwistaw medja ta' mhux inqas minn 60 % tat-total tal-marki li għandhom jingħataw, u f'kull test jakkwistaw mhux inqas minn 50 % tat-total tal-marki possibbli. F'test wieħed biss, l-Awtorita` tista' tnaqqas dik il-marka minn 50 % għal 40 %.

B 1748

IT-TIELET SKEDA

(Regolament 16)

TAĦRIĠ MINIMU MEĦTIEĠ GĦALL-GĦOTJA TA' ĊERTIFIKAT TA' KOMPETENZA PROFESSJONALI GĦAL XUFIERA INTERNAZZJONALI TAĦT L-ETA' TA' 21 SENA.

It-taħriġ li jwassal għall-għoti ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonali għandu jinkludi ta' l-inqas is-suġġetti li ġejjin, sa meta dawn mhumiex diġà koperti minn taħriġ għal liċenza tas-sewqan skond ir-Regolamenti dwar il-Liċenzji tas-Sewqan tal-Vetturi bil-Mutur, 2002

1. Għarfien tal-binja u l-partijiet komponenti ewlenin ta' vettura

1.1. Għarfien tal-binja u l-ħidma ta':
- Makni ta' kombustjoni interni,
- Sistemi ta' lubrikazzjoni u tkessiħ
- Is-sistema tal-karburanti
- Is-sistema elettrika,
- Is-sistema ta' injizzjoni
- Is-sistema ta' trasmissjoni (*clutch, gearbox*, eċċ.)

1.2. Għarfien ġenerali ta' lubrikazzjoni u protezzjoni *antifreeze*

1.3. Għarfien tal-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu waqt it-tneħħija u s-sostituzzjoni tar-roti

1.4. Għarfien tal-bini, attrezzar, użu korrett u kura tat-*tyres*

1.5. Għarfien tat-tipi, l-operat, partijiet ewlenin, konnessjoni, użu u manutenzjoni ta' kuljum tat-tagħmir tal-brejkijiet u għarfien ta' *coupling systems*

1.6. Għarfien ta' metodi ta' sejba ta' raġunijiet ta' *breakdowns*

1.7. Għarfien ta' kif jissewwew *breakdowns* żgħar bl-għajnuna ta' tagħmir korrett

1.8. Għarfien ġenerali ta' manutenzjoni preventiva ta' vetturi u tiswijiet kurrenti meħtieġa.

2. Għarfien ġenerali ta' proċeduri tat-trasport u amministrativi

2.1. Abbiltà ġenerali u għarfien ġeografiku suffiċjenti biex juża mapep tat-toroq u l-indiċijiet tagħhom

2.2. L-użu ekonomiku tal-vetturi

2.3. Għarfien tal-passi li għandhom jittieħdu f'każ ta' aċċident jew ġrajja simili (eż. nar) dwar assigurazzjoni tal-vettura

2.4. Għarfien tal-leġislazzjoni nazzjonali li tgħodd għax-xufiera tal-vetturi tal-merkanzija

2.5. Għarfien elementari tar-responsabbilta` tax-xufier meta jirċievi, iġorr u jikkonsenja merkanzija skond il-kondizzjonijiet miftiehma

2.6. Għarfien ta' dokumenti tal-vetturi u tat-trasport meħtieġa għall-ġarr nazzjonali u internazzjonali tal-merkanzija

2.7. Għarfien tat-tekniċi tat-tagħbija u l-ħatt tal-merkanzija u l-użu ta' tagħmir għat-tagħbija jew il-ħatt.

2.8. Għarfien bażilu tal-prekawzjonijiet li għandhom jittieħdu fit-tagħbija u l-ġarr ta' merkanzija perikoluża.

3. Esperjenza tas-sewqan ta' vetturi tal-merkanzija

3.1. Esperjenza prattika tas-sewqan u manuvrar ta' vetturi ta' aktar minn 7.5 tunnellata metrika bl-użu ta' *coupling device.*

IR-RABA' SKEDA

L-I PARTI

(Regolamenti 32, 33)

TIPI TA' ĠARR EŻENTATI MINN AWTORIZZAZZJONI

It-tipi ta' ġarr eżentati minn awtorizzazzjonijiet tal-ġarr

1. Ġarr tal-posta bħala servizz pubbliku.

2. Ġarr tal-vetturi li sofrew ħsara jew *breakdown*.

3. Ġarr tal-merkanzija f'vetturi bil-mutur li l-piż permissibbli mgħobbi tagħhom, inkluż dak ta' *trailers*, ma jeċċedix sitt tunnellati jew li l-*payload* permissibbli tagħhom, inkluż dak ta' *trailers*, ma jeċċedix 3.5 tunnellati

4. Ġarr tal-merkanzija f'vetturi bil-mutur involuti fit-trasport akkont ta' persuna nnifisha.

5. Ġarr ta' prodotti, attrezzaturi, tagħmir u oġġetti oħra mediċinali meħtieġa għall-kura medika fis-salvataġġ ta' emergenza, partikolarment għal diżastri naturali.

It-II PARTI

(Regolament 43)

KATEGORIJI TA' TRASPORT EŻENTATI MIR-REKWIŻIT TAL-PERMESS SKOND IL-KEMT

1. It-trasport tal-merkanzija li l-Piż Totali Mgħobbi Permissibbli (PTMP), inkluż dak ta' *trailers*, ma jeċċedix sitt tunnellati jew li l-*payload* permess tagħhom, inkluż dak ta' *trailers*, ma jeċċedix 3.5 tunnellata.

2. It-trasport tal-merkanzija fuq bażi okkażjonali, sa jew minn ajruporti, f'każijiet meta s-servizzi huma żvijati.

3. It-trasport tal-vetturi bil-ħsara jew li waqfu jaħdmu u ċ-ċaqliq ta' vetturi li jsewwu l-ħsarat.

4. Vjaġġi mhux mgħobbija minn vettura mibgħuta biex tissostitwixxi vettura bil-ħsara f'pajjiż ieħor, u l-vjaġġ lura wara t-tiswija tal-vettura bil-ħsara.

5. Trasport ta' annimali ħajjin f'vetturi mibnija apposta jew maqluba permanentement għat-trasport ta' 'l-annimali u magħrufa hekk mill-Awtorità.

6. Trasport ta' *spare parts* u provvedimenti għal vapuri jew ajruplani li jaqsmu l-oċean.

7. Trasport ta' provvedimenti jew tgħammir mediċi meħtieġa għall-emerġenzi, partikolarment minħabba diżastri naturali u ħtiġiet umanitarji.

8. Trasport bi skop mhux kummerċjali ta' xogħlijiet u oġġetti ta' arti għal fieri u wirjiet.

9. Trasport bi skop mhux kummerċjali ta' proprjetajiet, aċċessorji u annimali sa u minn wirjiet teatrali, mużikali, tal-*films*, ta' l-*i*sports jew taċ-ċirklu, fieri jew festi, u dawk intiżi għal *recordings* tar-radju, jew għall-produzzjoni ta' *films* jew tat-televiżjoni.

IL-ĦAMES SKEDA

(Regolament 34)

Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni

M	**Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**

Awtorizzazzjoni Nru ....

Għall-ġarr internazzjonali tal-merkanzija b'kiri jew b'kumpens

Din l-awtorizzazzjoni tintitola lil [1] _____

_____

_____

_____

_____

biex jinvolvi ruħu fil-ġarr internazzjonali tal-merkanzija b'kiri jew b'kumpens fuq kull rotta, għal vjaġġi jew partijiet ta' vjaġġi mwettqa b'kiri jew b'kumpens, fit-territorju ta' l-Istati tal-Ftehim, skond ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Merkanzija bil-Vetturi bil-Mutur.

Awtorizzat b'din l-awtorizzazzjoni	
Isem u Kunjom	
Indirizz Permanenti	
Nru tal-Passaport:	
Post tal-Ħruġ:	
Data tal-Ħruġ:	
Data ta' l-Għeluq:	

Rimarki partikolari:_____

_____

_____

Din l-awtorizzazzjoni hija valida minn _____ sa _____

Maħruġa fi _____ fi _____

_____

([2])

[1] Isem jew Isem kummerċjali u indirizz sħiħ
[2] Firma u timbru ta' l-Awtorita`

B 1752

IS-SITT SKEDA

(Regolamenti 39 u 45)

1. L-iskema tat-trakk "aħdar"

Il-pajjiżi membri li jipparteċipaw fl-iskema tat-trakk "aħdar" għandhom aktar liċenzi milli kien ikollhom li kieku żammew liċenzi bażiċi, minkejja li l-liċenzi tagħhom jistgħu **biss** jintużaw għall-ġarr tal-merkanzija permezz ta' trakkijiet li jikkonformaw mal-livelli' li ġejjin:

a) Emissjonijiet ta' storbju għall-vettura
(kif stabbilit mir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427) jew ir-Regolament tal-KEE Nru 51/02 u KDV 1967[1])

78 dB (A) għal vetturi b'saħħa sa 150 kW
80 dB (A) għal vetturi b'saħħa sa 150 kW.

b) Emissjonijiet kimiżi ta' exhaust għal makni tad-diesel
(kif stabbilit mir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427) jew ir-Regolament tal-KEE Nru 49/02, approvazzjoni A ["EUR01"], dwar il-konformità tal-prodott)

CO: 4.9g/kWh
HC. 1.23g/kWh
Nox: 9.0g/kWh
Part: 0.4g/kWh[2]

Għandu jingarr abbord il-vettura ċertifikat ta' konformità ma' dawn il-livelli flimkiem mal-*logbook*. Il-persuni awtorizzati li jimlewh huma jew il-fabbrikant jew ir-rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fl-Istat ta' reġistrazzjoni. F'dan il-każ ta' l-aħħar, ir-rappreżentant awtorizzat għandu wkoll jindika l-isem tal-fabbrikant li huwa r-rappreżentat awtorizzat tiegħu.

Iċ-ċertifikat jinħareġ darba għall-vettura u m'għandux għalfejn jiġġedded, sakemm id-*data* bażika indikata fih, għal kull tip ta' emissjoni, ma tkunx inbidlet. Iċ-ċertifikat huwa disponibbli bl-Ingliż, bil-Franċiż jew bil Ġermaniż. Għandu jiġi akkumpanjat bit-traduzzjonijiet fiż-żewġ lingwi l-oħra. F'kull każ, jekk verifika fuq il-post turi li l-valuri ta' l-emissjonijiet mogħtija fuq iċ-ċertifikat ġew maqbuża, jitqies li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jkunux intlaħqu. F'dan il-każ iċ-ċertifikat jitqies invalidu.

---

[1] KDV - Kraftfahrgesetz-Durchfuhrungsverordnung - Att tal-HGV li jimplimenta r-regoli (Awstrija).
[2] F'każ ta' makni ta' 85 kW jew inqas, jiġi applikat koeffiċjenti ta' 1.7 għall-valur tal-limiti għal emissjonijiet ta' partikli.

Biex jiġi ffaċilitat u jitgħaġġel il-qsim fuq il-fruntieri, huwa rrakkomandat li "t-trakkijiet ħodor" għandhom juru fuq quddiem *"badge"* kalamita jew *sticker.* I l-*badge* għandha tkun ħadra (fl-isfond) u bajda (bordura) u jkollha l-iskrizzjoni "U" jew "E" (U = Umwelt u E = Environment [Ambjent]).

2. L-iskema tat-trakk "aktar aħdar u sigur"

Ir-rekwiżiti għat-trakk "aktar aħdar u sigur" huma s-segwenti:

Emissjonijiet ta' storbju għall-vettura
(stabbilit mir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427) jew ir-Regolament tal-KEE Nru 51/02 u KDV 1967[3])

78 dB(A) għal vetturi < 150 kW
80 dB(A) għal vetturi > 150 kW

Emissjonijiet kimiċi ta' għal makni tad-diesel
(stabbilit mir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427) jew ir-Regolament tal-KEE Nru. 49/02, approvazzjoni B, ["EURO 2"])

CO:	4.0g/kWh
HC:	1.1g/kWh
Nox:	7.0g/kWh
partikola:	0.15g/kWh

Rekwiżiti tekniċi u ta' sigurtà minimi

1. Il-vetturi u t-*trailers* għandu jkollhom *tread depth* minimu ta' 2 mm fit-*tyres* kollha.

2. Il-vetturi (minbarra tratturi *semi-trailer)* u t-*trailers* tagħhom, kif imsemmija fir-regolamenti ikkwotati għandu jkollhom *rear underrun protection device* (skond ir-Regolament tal-KEE Nru 58/01 jew fir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

3. Il-vetturi (minbarra tratturi *semi-trailer)* u t-*trailers* tagħhom, kif imsemmija fir-regolamenti ikkowtati għandu jkollhom *lateral underrun protection device* skond ir-Regolament tal-KEE Nru 73/00 jew fir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

4. Il-vetturi għandu jkollhom sinjal ta' avviż tal-periklu, skond ir-Regolament tal-KEE Nru 6/01 jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427), u triangolu aħmar ta' avviż, skond ir-Regolament tal-KEE Nru 27/03.

---

[3] KDV = Kraftfahrgesetz-Durchfuhrungsverordnung = Att tal-HGV li jimplimenta r-regolamenti (Awstrija)

5. Il-vetturi għandhom jużaw *tachograph*, skond il-"Ftehim tal-AETR" tal-KEE/NU jew dawn ir-regolamenti u r-regolamenti rilevanti maħruġa skond l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65).

6. Il-vetturi għandu jkollhom attrezzaturi li jillimitaw il-veloċità skond ir-Regolament tal-KEE 89 jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

7. Vetturi tqal u twal għandu jkollhom pjanċi li jkunu jimmarkawhom retroriflettenti fuq wara skond ir-Regolament tal-KEE Nru 70/01.

8. Il-vetturi għandu jkollhom *anti-lock brakes* skond ir-Regolament tal-KEE 13/09 jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

9. Il-vetturi għandu jkollhom *steering device* skond ir-Regolament tal-KEE 79/01 jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

10. Il-vetturi għandhom jilħqu r-rekwiżiti dwar it-test biex jiċċertifika li l-vettura hi tajba għat-triq kif stabbilit fir-Regolamenti ta' l-1998 dwar it-Testijiet biex Jiċċertifikaw li l-Vetturi bil-Mutur huma tajba għat-Triq. Skond dan ir-regolament, it-test irid jiġi mgħoddi kull sena, sabiex iċ-ċertifikat ta' konformità m'għandux ikun wieħed eqdem minn 12-il xahar.

Iktar minn hekk, il-liċenzi tal-KEMT għat-trakk "aktar aħdar u sigur" jistgħu biss jintużaw minn vetturi li jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti hawn qabel u huma validi biss jekk jiġu akkumpanjati minn ċertifikati mimlijin kollha li jindikaw konformità ma' dawn l-i*standards* tekniċi. Iċ-ċertifikati huma disponibbli bl-Ingliż jew bil-Franċiż. Għandhom jiġu akkumpanjati minn traduzzjonijiet fiż-żewg lingwi l-oħra – il-Ġermaniż u l-lingwa nazzjonali tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

Iċ-ċertifikat dwar emissjonijiet ta' storbju u ta' *exhaust* għal trakkijiet "aktar ħodor u siguri" jistgħu jimtlew mill-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni. F'dan il-każ ta' l-aħħar, ir-rappreżentant awtorizzat għandu wkoll jindika l-isem tal-fabbrikant li huwa r-rappreżentat awtorizzat tiegħu..

Iċ-ċertifikat jinħareġ darba għall-vettura u m'għandux għalfejn jiġġedded, sakemm id-*data* bażika indikata fih, għal kull tip ta' emissjoni, ma tkunx inbidlet. Iċ-ċertifikati li diġà mtlew (2001) għalhekk jibqgħu validi sakemm id-*data* bażika tagħhom ma tkunx inbidlet. Għal ċertifikati li jinħarġu għal vetturi ġodda jew il-vettura meta d-*data* bażika nbidlet, il-pajjiż għandhom jużaw il-mudelli l-ġodda għaċ-ċertifikati kif jidhru fl-Anness 5 tal-Ftehim tal-KEMT, ta' l-aħħar ta' 1 ta' Jannar 2002.

Iċ-ċertifikat dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà għal trakkijiet "aktar ħodor u siguri" jistgħu jimtlew jew:

- Mis-servizzi kompetenti ta' validazzjoni fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, jekk dan il-pajjiż ma jawtorizzax rappreżentanti tal-fabbrikanti;

- mill-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, jew

- kombinazzjoni tas-servizzi kompetenti ta' validazzjoni fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni u l-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, meta t-tagħmir ma jkunx twaħħal kollu mill-fabbrikant tal-vettura.

F'każ ta' "rappreżentant awtorizat", għandu jindika wkoll l-isem tal-fabbrikant li huwa r-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Iċ-ċertifikat dwar rewkiżiti tas-sigurtà għal trakkijiet "aktar ħodor u siguri" għandu jiġġedded għall-inqas kull sena, permezz ta' test biex jiċċertifikaw li l-vetturi huma tajba għat-triq.

Iktar minn hekk, ir-rekwiżiti tas-sigurtà minimi huma meħtieġa kemm għall-vettura innifisha kemm għat-*trailer*. Għalhekk għandu jimtela ċertifikat speċjali għal *trailers* meta dawn ikunu reġistrati u eżaminati għar-*roadworthiness test*.

Dawn iċ-ċertifikati varji għandhom jimtlew skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-Annessi rispettivi tal-Ftehim tal-KEMT:

— mill-għaqda jew stabbiliment indikat u sorveljat direttament mill-Istat ta' Reġistrazzjoni għall-għanijiet tar-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427), jew, għal vetturi fabbrikati ġodda;

— mis-servizzi ta' validazzjoni kompetenti fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni;

— mill-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, jew

— kombinazzjoni tas-servizzi kompetenti ta' validazzjoni fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni u l-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, meta t-tagħmir ma jkunx twaħħal kollu mill-fabbrikant tal-vettura.

F'kull każ, jekk verifika fuq il-post turi li l-valuri ta' l-emissjonijiet mogħtija fuq iċ-ċertifikat ġew maqbuża, jitqies li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jkunux intlaħqu. F'dan il-każ iċ-ċertifikat jitqies invalidu.

Biex jiġi ffaċilitat u jitgħaġġel il-qsim fuq il-fruntieri, huwa rakkomandat li "t-trakkijiet ħodor" għandhom juru fuq quddiem *"badge"* kalamita jew *sticker* immudellata fuq dik li tidher fl-Anness 10 tal-Ftehim tal-KEMT. Il-*badge* għandha tkun ħadra (fl-isfond) u bajda (fil-bordura) u jkollha l-iskrizzjoni "S" bl-abjad (Sur=Safe=Sicher [Sigur]).

3. L-iskema tat-trakk "sigur EUR03"

Ir-rekwiżiti għat-trakk "sigur EUR03" huma dawn li ġejjin:

Emissjonijiet ta' storbju għall-vettura
(stabbiliti mir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427) jew ir-Regolament tal-KEE Nru 51/02 u KDV 1967[4])

78 dB (A) għal vetturi < 150 kW
80 dB (A) għal vetturi > 150 kW

Emissjonijiet kimiċi ta' exhaust għal makni tad-diesel
(stabbiliti mir-Regolament tal-KEE Nru. 49/03[5], approvazzjoni A jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427) u skond iċ-ċikli tat-testijiet ESC u ELR)

CO:	2.1g/kWh
HC:	0.66g/kWh
NOx:	5.0g/kWh
Particles:	0.10[0.13[6]]g/kW valur korreġġut ta' l-assorbiment tal-koeffiċjent $0.8m^{-1}$

(stabbilit mir-Regolament tal-KEE Nru. 49/03[7], approvazzjoni A jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427) u skond iċ-ċikli tat-test ETC)

CO:	5.45g/k/WH
NM.HC:	0.78g/kWh
$CH4^4$	1.6 g/kWh
Nox:	5.0g/kWh
Partikli:	0.16[0.21'[4]]g/kWh

Rekwiżiti tekniċi u ta' sigurtà minimi

1. Il-vetturi u t-*trailers* għandu jkollhom *tread depth* minimu ta' 2 mm fit-*tyres* kollha.

2. Il-vetturi (minbarra tratturi *semi-trailer)* u t-*trailers* tagħhom, kif imsemmija fir-regolamenti kwotati għandu jkollhom *rear underrun protection device* (skond ir-Regolament tal-KEE Nru 58/01 jew fir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427)).

---

[4] KDV - Krattfahrgesetz-Durchfiihrungsverordnung = l-Att tal-HGV li jimplimenta r-regolamenti (Awstrija)

[5] Hekk kif il-ligi inkluz il-provvedimenti tad-Direttiva 1999/96/EC tiġi implementata

[6] Għal makna li għandha kull ċilindru taħt $0.75dm^3$ u reġim nominali ta' aktar minn 3000 min

[7] Għal makni tal-gass naturali biss u skond il-provvedimenti stabbiliti għal testijiet ETC (cf. Annex III, Appendix 2. punt 3.9 Direttiva 1999/96/EC)

3. Il-vetturi (minbarra tratturi *semi-trailer)* u t-*trailers* tagħhom, kif imsemmija fir-regolamenti kowtati għandu jkollhom *lateral underrun protection device* skond ir-Regolament tal-KEE Nru 73/00 jew fir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

4. Il-vetturi għandu jkollhom mera li turi wara skond ir-Regolament KEE/NU jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

5. Il-vetturi għandu jkollhom attrezzaturi tad-dawl u tas-senjalar bid-dawl skond ir-Regolament tal-KEE R.48/01 jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

6. Il-vetturi għandhom jużaw *tachograph*, skond il-"Ftehim tal-AETR" tal-KEE/NU jew ir-regolamenti li jirregolaw il-piżijiet, tagħmir u qisien ta' vetturi bil-mutur.

7. Il-vetturi għandu jkollhom attrezzaturi li jillimitaw il-veloċità skond ir-Regolament tal-KEE 89 jew regolamenti rilevanti oħrajn maħruġa skond l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65)

8. Vetturi tqal u twal għandu jkollhom pjanċi li jimmarkawhom retroriflettenti fuq wara skond ir-Regolament tal-KEE Nru 70/01.

9. Il-vetturi għandu jkollhom *anti-lock brakes* skond ir-Regolament tal-KEE 13/09 jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

10. Il-vetturi għandu jkollhom *steering device* skond ir-Regolament tal-KEE79/01 jew ir-Regolamenti dwar l-Approvazzjoni dwar Tip tal-KE għall-Vetturi bil-Mutur A.L. 95/02 pubblikati taħt l-Att dwar is-Sigurtà tal-Prodotti (Kap. 427).

Il-vetturi għandhom jilħqu r-rekwiżiti dwar it-test għal testijiet biex jiċċertifikaw illi l-vettura hija tajba għat-triq, skond ir-Regolamenti ta' l-1998 dwar it-Testijiet biex jiċċertifikaw illi l-Vetturi huma tajbin għat-Triq. Skond dawn ir-regolamenti, it-test irid jiġi mgħoddi kull sena, sabiex iċ-ċertifikat ta' konformità m'għandux ikun eqdem minn 12-il xahar.

Iktar minn hekk, il-liċenzi tal-KEMT għat-trakk "sigur EUR 03" jistgħu biss jintużaw minn vetturi li jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti hawn fuq u huma validi biss jekk jiġu akkumpanjati minn ċertifikati mimlijin kollha li jindikaw konformità ma' dawn il-livelli tekniċi.

Iċ-ċertifikati huma disponibbli bl-Ingliż jew bil-Franċiż. Għandhom jiġu akkumpanjati minn traduzzjonijiet fi żewg lingwi oħrajn – il-Ġermaniż u l-lingwa nazzjonali tal-pajjiż ta' reġistrazzjoni tal-vettura.

Iċ-ċertifikat dwar emissjonijiet ta' storbju u ta' *exhaust* għal trakkijiet "siguri EUR 03" jistgħu jimtlew mill-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni. F'dan il-każ ta' l-aħħar, ir-rappreżentant awtorizzat għandu wkoll jindika l-isem tal-fabbrikant li huwa r-rappreżentat awtorizzat tiegħu.

Iċ-ċertifikat jinħareġ darba għall-vettura u m'għandux għalfejn jiġġedded, sakemm ma tkunx inbidlet id-*data* bażika indikata fih, għal kull tip ta' emissjonijiet. Iċ-ċertifikat dwar ir-rekwiżiti tas-sigurta` għal trakkijiet "siguri EUR 03" jistgħu jimtlew jew mis-servizzi kompetenti ta' validazzjoni fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, jekk dan il-pajjiż ma jawtorizzax rappreżentanti tal-fabbrikanti:

- mill-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, jew minn
- kombinazzjoni tas-servizzi kompetenti ta' validazzjoni fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni u l-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, meta t-tagħmir ma jkunx twaħħal kollu mill-fabbrikant tal-vettura.

F'każ ta' "rappreżentant awtorizat", għandu jindika wkoll l-isem tal-fabbrikant li huwa r-rappreżentant awtorizzat tiegħu. Iċ-ċertifikat dwar rekwiżiti tas-sigurtà għal trakkijiet "siguri EUR 03" għandu jiġġedded għall-inqas kull sena, permezz ta' test biex jiċċertifika li l-vettura tkun tajba għat-triq.

Iktar minn hekk, ir-rekwiżiti tas-sigurtà minimi humm meħtieġa <u>għall-vettura innifisha u għat-*trailer*</u>. Għalhekk għandu jimtela ċertifikat speċifiku għal *trailers* meta jiġu reġistrati u eżaminati għal *roadworthiness test*.

Dawn iċ-ċertifikati varji għandhom jimtlew skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti mill-Annessi rispettivi tal-Ftehim tal-KEMT:

— mill-għaqda jew stabbiliment indikat u sorveljat direttament mill-Istat ta' Reġistrazzjoni għall-għanijiet tar-Regolamenti ta' l-1998 dwar Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur ikunu Tajba ghat-Triq, jew

— għal vetturi fabbrikati mill-ġdid:

  — mis-servizzi ta' validazzjoni kompetenti fil-pajjiż ta' reġistrazzjoni;

  — mill-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, jew

  — kombinazzjoni tas-servizzi kompetenti ta' validazzjoni fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni u l-fabbrikant tal-vettura jew rappreżentant awtorizzat tal-fabbrikant fil-pajjiż tar-reġistrazzjoni, meta t-tagħmir ma jkunx twaħħal kollu mill-fabbrikant tal-vettura.

F'kull każ, jekk verifika fuq il-post turi li l-valuri ta' l-emissjonijiet mogħtija fuq iċ-ċertifikat ġew maqbuża, jitqies li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma ntlaħqux. F'dan il-każ iċ-ċertifikat jitqies invalidu.

Biex jiġi ffaċilitat u jitgħaġġel il-qsim fuq il-fruntieri, huwa rakkomandat li "t-trakkijiet ħodor" għandhom juru fuq quddiem *"badge"* kalamita jew *sticker* immudellata fuq dik li tidher fl-Anness 10 tal-Ftehim tal-KEMT. Il-*badge* għandha tkun ħadra (fl-isfond) u bajda (fil-bordura) u jkollha l-iskrizzjoni "3" bl-abjad (3=EUR03).

IS-SEBA' SKEDA

(Regolament 51)

(Karta ħoxna roża - format DIN A4)

(L-ewwel paġna ta' l-awtorizzazzjoni ta' kabotaġġ)

(Test bil-Malti u bl-Ingliż)

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ	**(Timbru ibbuzzat tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej)**	**M**	**AWTRORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA**

Awtorizzazzjoni tal-Kabotaġġ Nru ……..

Għall-ġarr stradali nazzjonali tal-merkanzija f'Malta li jsir minn burdnar mhux residenti (kabotaġġ)

Din l-awtorizzazzjoni tintitola lil
……
……
……
……
(Isem jew isem kummerċjali reġistrat u indirizz sħiħ tal-burdnar)

li jġorr il-merkanzija permezz ta' vettura bil-mutur jew żewġ vetturi aggančati ta' vetturi f'Malta meta m'huwiex stabbilit f'Malta u li jċaqlaq din il-vettura jew kombinazzjoni ta' vetturi mingħajr tagħbija fuq kull parti ta' Malta, kif stabbilit mir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Merkanzija bil-Vetturi bil-Mutur u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' din l-awtorizzazzjoni.

Minn…… sa……..

Maħruġ f'…… data……

(b)

(It-tieni paġna ta' l-awtorizzazzjoni tal-kabotaġġ)

(Test bil-Malti u bl-Ingliż)

Dispożizzjonijiet ġenerali

Din l-awtorizzazzjoni tippermetti l-ġarr nazzjonali tal-merkanzija f'Malta minn burdnara li m'humiex residenti.

Din l-awtorizzazzjoni hija personali għall-awtorizzat u m'hix trasferibbli.

Din l-awtorizzazzjoni tista' tiġi rtirata mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, jew meta l-awtorizzazzjoni hija ffalsifikata, mill-awtoritajiet kompetenti fil-pajjiżi li fihom jitwettqu l-operazzjonijiet tat-trasport b'kabotaġġ.

Din l-awtorizzazzjoni tista' tintuża għal vettura waħda biss f'kull ħin.

Fil-każ ta' żewġ vetturi aganċati ta' vetturi, din l-awtorizzazzjoni għandha takkumpanja lill-vettura bil-mutur.

Din l-awtorizzazzjoni għandha tinġarr fil-vettura u tiġi akkumpanjata minn ktieb ta' *record sheets* għall-operazzjonijiet nazzjonali ta' kabotaġġ kollha effettwati taħtha.

L-awtorizzazzjoni dwar kabotaġġ u l-ktieb ta' *record sheets* għandhom jimtlew qabel ma jibdew l-operazzjonijiet ta' kabotaġġ.

L-awtorizzazzjoni u l-ktieb ta' *record sheets* għal operazzjonijiet nazzjonali ta' kabotaġġ għandhom jiġu ppreżentati flimkien kull meta jintalbu minn uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.

It-twettiq ta' operazzjonijiet tat-trasport b' kabotaġġ huwa bla ħsara għal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fis-seħħ f'Malta fil-kampijiet segwenti:

a) ir-rati u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kuntratt tat-trasport;

b) piżijiet u dimensjonijiet ta' vetturi tat-triq għandhom jissoddisfaw il-kundizzjonijiet tar-regolamenti li jirregolaw il-piżijiet, tagħmir u qisien ta' vetturi bil-mutur;

c) rekwiżiti dwar il-ġarr ta' xi kategoriji ta' persuni, bħal tfal ta' l-iskola, tfal u persuni neqsin mill-mobilità;

d) ħinijiet ta' sewqan u ta' mistrieħ;

e) VAT (Taxxa dwar il-Valur Miżjud) fuq is-servizzi tat-trasport

Il-livelli tekniċi fuq il-bini u t-tagħmir li jridu jkollhom vetturi li jagħmlu operazzjonijiet ta' kabotaġġ skond dak preskritt ghal vetturi li jiccirkolaw fi trasport internazzjonali.

Din l-awtorizzazzjoni għandha tintradd lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fi żmien tmint ijiem wara li tiskadi.

IT-TMIEN SKEDA

(Regolament 56)

(a)

(Format DIN A4)

(Qoxra ta' quddiem tal-ktieb tar-*record sheets*)

(Test bil-Malti u bl-Ingliż)

Malta	**Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**
M	**Ktieb Nru. .....**

KTIEB TA' *RECORD SHEETS* GĦAL OPERAZZJONIJIET TA' TRASPORT NAZZJONALI B'KABOTAĠĠ LI JSIRU TAĦT L-AWTORIZZAZZJONI GĦALL-KABOTAĠĠ NRU. .....

Dan il-ktieb huwa validu sa .....([1])

Maħruġ f'.....

data.....

([2])

[1] It-terminu ta' validità ma jistax jeċċedi dak ta' l-awtorizzazzjoni għall-kabotaġġ

[2] Timbru ta' l-awtorità jew aġenzija kompetenti li toħroġ il-ktieb.

(b)

(Qoxra ta' quddiem tal-ktieb ta' *record sheets* minn ġewwa)

(Test bil-Malti u/jew bl-Ingliż)

Dispożizzjonijiet Ġenerali

1. Dan il-ktieb ta' *record sheets* fih 25 folja li jinqalgħu, innumerati minn 1 sa 25, li fuqhom għandhom jingħataw id-dettalji, fil-ħin tat-tagħbija, tal-merkanzija kollha ttrasportata taħt l-awtorizzazzjoni għall- kabotaġġ li jirrelataw għaliha. Kull ktieb għandu numru u dak in-numru jiġi mmarkat fuq kull paġna tal-ktieb.

2. Il-burdnar huwa responsabbli li r-reġistrazzjonijiet ta' operazzjonijiet nazzjonali ta' kabotaġġ jimtlew sew.

3. Il-ktieb għandu jakkumpanja l-awtorizzazzjoni tal- kabotaġġ li jkun jirrelata għalih u għandu jinżamm fuq il-vettura li tivvjaġġa mgħobbija jew mingħajr tagħbija taħt l-awtorizzazzjoni msemmija. Dan għandu jiġi ppreżentat kull meta jintalab minn uffiċjali awtorizzat li jispezzjona.

4. Ir-*record sheets* għandhom jintużaw f'ordni numeriku u l-operazzjonijiet ta' tagħbija suċċessivi għandhom jiddaħħlu f'ordni kronoloġiku.

5. Kull oġġett fir-*record sheet* għandu jimtela b'mod preċiż u li jinqara bil-kitba stakkata f'inka li ma titħassarx.

6. Mhux aktar tard minn tmint ijiem wara tmiem ix-xahar li tirrelata għalih il-folja, kull *record sheet* li mtliet għandha tintradd lill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta. Meta operazzjoni tkun bejn żewġ perijodi ta' ċens, id-data tat-tagħbija tiddetermina t-terminu li r-reġistrazzjoni trid tkopri (eżempju, operazzjoni li tibda lejn l-aħħar ta' Jannar u tintemm lejn il-bidu ta' Frar għandha tiġi inkluża fil-karta ta' Jannar).

(ċ)

(Quddiem tal-paġna inserita qabel il-25 folja li jinqalgħu)

(Test bil-Malti u bl-Ingliż)

Noti ta' spjegazzjoni

L-informazzjoni li tingħata fuq il-folji li ġejjin tirrelata għall-merkanzija kollha ttrasportata taħt l-awtorizzazzjoni għall- kabotaġġ li dan ir-*record book* jirrelata għalih.

Trid timtela linja separata fuq din il-folja għal kull konsenja ta' merkanzija li titgħabba.

Kolonna 2: agħti, meta xieraq, l-informazzjoni mitluba mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta;

Kolonna 3: agħti d-data (01, 02 . . . 31) tax-xahar indikat fuq in-naħa ta' fuq tal-folja li matulu l-vettura telqet taħt tagħbija;

Kolonna 4 u 5: speċifika l-post u, jekk meħtieġ biex dan ikun ċar, id-dipartiment, provinċja, 'Art', eċċ.;

Kolonna 7: agħti d-distanza vvjaġġata bejn il-post tat-tagħbija u l-post tal-ħatt;

Kolonna 8: agħti l-piż f'tunnellati sa punt deċinali (e.g. 10,0 t) tal-konsejna tal-merkanzija fl-istess mod bħal fil-każ ta' dikjarazzjoni tad-dwana; tinkludix il-piż ta' *containers* jew *pallets*;

Kolonna 9: oltre, iddeskrivi b'mod preċiż kemm jista' jkun, il-merkanzija fil-konsenja;

Kolonna 10: għal użu uffiċjali biss.

(d)
Isem u indirizz tal-burdnar
Jum/Xahar/Sena
MERKANZIJA TTRASPORTATA:
Awtorizzazzjoni numru:
Ktieb numru
Record sheet numru:

B 1764

ID-DISA' SKEDA

(Regolament 19)

Ministeru għat-Trasport u l-Komunikazzjoni

M	**Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta**

Attestazzjoni tax-Xufier nru ....

Għall-ġarr internazzjonali tal-merkanzija b'kiri jew b'kumpens taħt Awtorizzazzjoni Komunitarja

Din l-attestazzjoni hi ta' xiehda li abbażi ta' dokumenti ppreżentati minn:

_____

_____

_____

(Isem u indirizz kummerċjali tal-burdnar)

ix-xufier li ġej:

Kunjom u isem: _____ Data u post tat-twelid: _____

Nazzjonalità: _____

Data tal-ħruġ _____ Post tal-ħruġ: _____

Liċenzja tas-Sewqan Numru :_____

Data tal- ħruġ:_____ Post tal-ħruġ: _____

Numru tas-Sigurtà Soċjali:_____

Huwa impjegat, skond il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi u, kif xieraq, kull ftehim kollettiv, skond il-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ f'Malta, fuq il-kondizzjonijiet ta' impjieg u taħriġ vokazzjonali fis-seħħ għax-xufiera f'Malta biex iwettqu operazzjonijiet ta' trasport stradali f'Malta.

Rimarki

Partikolaritajiet:_____

_____

Din l-attestazzjoni hija valida minn _____ sa _____

Maħruġa fi _____ fi _____

_____

Firma u timbru ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta

(It-tieni paġna ta' l-attestazzjoni)

(Test bil-Malti jew bl-Ingliż)

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Din l-attestazzjoni hija maħruġa taħt ir-Regolamenti dwar il-Ġarr Stradali tal-Merkanzija bil-Vetturi bil-Mutur.

Hija tattesta li x-xufier imsemmi fiha huwa impjegat skond il-liġijiet, regolamenti jew dispożizzjonijiet amministrattivi u, kif xieraq, kull ftehim kollettiv, skond il-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ f'Malta, fuq il-kondizzjonijiet ta' impjieg u taħriġ vokazzjonali fis-seħħ għax-xufiera f'Malta biex iwettqu operazzjonijiet ta' trasport stradali f'Malta.

L-attestazzjoni tax-xufier tappartjeni għall-burdnar, li jqiegħdha għad-dispożizzjoni tax-xufier imsemmi fiha meta dak ix-xufier isuq vettura kif definita fir-regolamenti, involut fil-ġarr bl-użu ta' awtorizzazzjoni komunitarja maħruġa lil dak il-burdnar. L-attestazzjoni tax-xufier mhix trasferibbli. L-attestazzjoni tax-xufier m'hix trasferibbli. L-attestazzjoni tax-xufier tkun valida biss sakemm il-kondizzjonijiet li nħarġet taħtha jkunu għadhom milħuqa u għandha tintradd mill-ewwel mill-burdnar lill-Awtorità jekk il-kondizzjonijiet ma għadhomx jintlaħqu.

Tista' tiġi rtirata mill-Awtorità, partikolarment meta l-burdnar:

- ma jkunx ikkonforma ruħu mal-kundizzjonijiet kollha għall-użu ta' l-attestazzjoni;
- ipprovda informazzjoni skorretta dwar id-*data* meħtieġa għall-ħruġ jew l-estensjoni ta' l-attestazzjoni.

Kopja vera attestata ta' l-attestazzjoni għandha tinżamm fil-vettura u din għandha tiġi ppreżentata mix-xufier kull meta tintalablu minn xi uffiċjal awtorizzat li jispezzjona.